# DAWL FRANĠISKAN

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

APRIL 2004 • L-24 SENA • GHADD 239 • NEWSPAPER POST



GOZO CATHEDRAL
PARISH CENTRE
DONATED BY AF
4/04
(DATE)
MEK 100083

**DAWL FRANĠISKAN**

**APRIL 2004**
**L-24 sena • Għadd 239**



**Qoxra 1:**
***Il-qoxra turi dettall minn wieħed mill-affreski ta' Giotto li nsibu mpittra fil-Bażilika ta' San Franġisk ġewwa Assisi. Dawn l-affreski jiksu l-ħitan ta' din il-Bażilika li tidher fl-istampa li nsibu wkoll fuq din il-qoxra.***

**BORD EDITORJALI:**
Joe Alessandro ofm cap (Direttur u Editur)
Frans Abela Giusti OFMCap
Wistin Attard OFMCap
Martin Micallef OFMCap
Dorian Holland OFS
Robbie Mamo
Fabian Marston GiFra

**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - VLT 14
Tel: 21 233874/21 225525/21 234949
e-mail: ofmcap@keyworld.net

**DISINN U LAYOUT:**
IMAGE 2000 LTD, ĦGURA - 21 677577
**MITBGĦA:**
P.E.G. Ltd., San Ġwann. - 21 440083

Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.

© Dawl Franġiskan 2004
Publikazzjoni Franġiskani Kapuċċini













# Werrej

| | |
|---|---|
| **3** | **Nikkultivaw il-Ħajja**<br>*minn Fr. Joe Alessandro OFMCap* |
| **4** | **Mill-film tal-Passjoni għall-Evanġelji tal-Passjoni**<br>*minn P. Martin Micallef OFMCap* |
| **8** | **30 sena Prezenza tal-Kapuċċini fil-Kenja** |
| **10** | **Teleskopju fuq il-Ħajja**<br>*minn P. William Axiaq OFMCap* |
| **12** | **Efesu**<br>*minn P. Joe Buttigieg OFMCap* |
| **14** | **Is-sema: Dak kollu li jidher u dak li ma jidhirx**<br>*minn Umberto Mule Stagno Gi. Fra.* |
| **16** | **Il-Qima lejn San Franġsisk t'Assisi fil-Knejjes Maltin (14)**<br>*minn Br Andrè Azzopardi OFMCap* |
| **18** | **Tweġiba**<br>*minn P. William Axiaq OFMCap* |
| **19** | **"Il-Preżenza Soċjali tal-Knisja" (2)**<br>*minn P. Philip Cutajar OFMCap* |
| **21** | **Kopja fidila u oriġinali (1)**<br>*minn P. Frans Abela OFMCap* |
| **22** | **L-Innoċenti li jsofri**<br>*minn P. Joe Calleja OFMCap* |
| **23** | **Aħbarijiet Kapuċċini** |
| **25** | **Tifkira ta' P. Anton Mompalao OFMCap.**<br>*minn P. Franġisku Azzopardi OFMCap.* |
| **29** | **Sebaħ Jum il-Fidwa**<br>*minn Profs. Oliver Friggieri* |
| **30** | **Tisliba u Rokna għat-Tfal**<br>*minn P. Wistin Attard OFMCap* |
| **31** | **Alla li ma jorqodx**<br>*minn Br Dennis Calleja OFMCap* |
| **32** | **Borża ta' Studju: Għajnuna lil Franġiskani Kapuċċini fil-Kenja** |



P. Joe Alessandro OFMCap

# Nikkultivaw il-Ħajja

Il-ħajja tal-bniedem hi qaddisa, għaliex, sa mill-bidu tagħha, timpenja l-ħidma ta' Alla fil-ħolqien u tibqa' dejjem f'relazzjoni speċjali ma' Alla l-Ħallieq, għax għalih inħalqet. Alla biss hu sid il-ħajja mill-bidu sat-tmiem tagħha: ħadd ma jista' jippretendi għalih, f'ebda ċirkustanza, id-dritt li jeqred direttament il-ħajja ta' bniedem innoċenti. Dan hu l-ħsieb tal-knisja fil-katekiżmu tagħha favur il-ħajja.

Il-Papa preżenti mhux l-ewwel darba li rrifera għall-kultura li qegħdin ngħixu fiha bħala l-kultura tal-mewt. Biżżejjed insegwu dak li qed jiġri madwarna u fid-dinja u mill-ewwel nintebħu kemm il-ħajja tal-bniedem tilfet il-valur tagħha. Huma fl-aġenda ta' kuljum l-attakki terroristiċi li jfaqqgħu kemm f'pajjiżi li nistennewhom kif ukoll f'oħrajn li neħduhom b'sorpriża. Dan inissel ċertu biża' għax l-għadu ma tafx min hu u fejn qiegħed, aktar u aktar li min ikun qed iwettaq dawn l-attakki terroristiċi jaħseb li ser jiġi kkunsidrat bħala martri. Għalina li nemmnu f'Alla nafu li l-veri martri huma dawk li jkunu lesti jitilfu ħajjithom għal Alla u għall-bnedmin u mhux li jneffu ħajjithom u magħhom ħajjiet oħra ta' nies innoċenti. Hemm qabża kbira bejn il-martri nsara u l-martri ta' twemmin ieħor.

Iżda meta l-Papa jitkellem mill-kultura tal-mewt imur lil hemm minn dan. Jitkellem minn sfruttament ta' bnedmin b'konsegwenza li jitilfu d-dinjità tagħhom ta' xebh ta' Alla, u faċilment jaqgħu fil-vizzji: droga, alkoħol, użura, serq u xi drabi qtil. B'riżultat ta' dan qiegħda dejjem aktar tikber il-kriminalità fis-soċjetà ta' llum.

Sfortunatament dawn il-ġrajjiet ta' terroriżmu u ta' kriminalità jnessuna dnub ieħor kbir li jmur kontra l-valur tal-ħajja: l-abort. Miljuni ta' ħajjiet umani li jkunu bdew ma jkollhomx iċ-ċans li jaraw id-dawl tal-ħajja għax jinqerdu fil-ġuf, il-post sagru fejn Alla jiżra' u jagħti bidu għal ħajja ġdida li jekk tikber u tiġi kkultivata tista' tkun ta' kontribut kbir lis-soċjetà u lill-Knisja. Dan l-aħħar issemmiet l-ewtanasja, jiġifieri l-qtil ta' persuna biex ma tkomplix tbati. Għalkemm din l-idea għadha mhix mifruxa fis-soċjetà tagħna iżda diġà bdew jidhru indikazzjonijiet ta' individwi li huma favur it-tmiem ta' ħajja għal min ikun qed ibati.

Il-misteru ta' l-Għid, li jfakkarna fil-qawmien ta' Kristu wara t-tbatija u l-mewt li ġarrab, għandu jkun għalina sinjal u tagħlima biex quddiem it-tbatija u l-mewt li ngħixu magħhom ta' kuljum, ma niġux influwenzati minn din il-kultura tal-mewt imma ngħidu 'iva' għall-kultura favur il-ħajja, u l-ħajja sħiħa li rebħilna l-Mulej Ġesù. ❑



*P. Martin Micallef OFMCap*

# Mill-film tal-Passjoni għall-Evanġelji tal-Passjoni

Jekk kull sena f'Malta, fiż-żmien ir-Randan u l-aktar fil-jiem tal-Ġimgħa Mqaddsa, jiddominaw il-purċissjonijiet bl-istatwi tar-Redentur, tad-Duluri u ta' vari oħra, din is-sena ser ikun hemm xi ħaġa oħra li ser tikkompeti magħhom. Dan hu l-film *The Passion of the Christ,* film ta' sagħtejn li fih il-*producer* Mel Gibson jippreżentalna l-aħħar tnax-il siegħa ta' Ġesù.

Jiena miniex ser nitkellem fuq il-valur tat-teknika, tal-korjografija jew tax-xeneġġjar ta' dan il-film. Minflok nixtieq biss nesprimi xi ftit kummenti fuq il-*plot* ta' dan il-film li mhux biss iġagħlek taħseb inti u tarah, imma wkoll iservi ta' mezz qawwi li bih nistgħu napprezzaw aktar it-tifsira tal-passjoni u l-mewt ta' Ġesù Kristu sabiex b'hekk huwa seta' "jagħmel kollox ġdid."

Dan hu l-kumment li Ġesù ta' dan il-film itenni lil ommu Marija meta jiġi wiċċ imb'wiċċ magħha fit-triq tiegħu lejn il-Golgota. Imma l-prezz li Ġesù ħallas sabiex wettaq dan il-kliem kien wieħed għoli wisq! Din hija l-impressjoni li joħloq dan il-film: demm u dmija kontinwa; xeni waħda agħar mill-oħra li jaqtgħulek nifsek u li jmissu direttament lill-qalb tal-bniedem. Xi drabi tħoss li dawn huma xeni vjolenti żżejjed u makabri fl-istess ħin li jġagħluk tgħid dak li naqraw f'Isaija: "Ebda sura ma kellu u ebda ġmiel biex inħarsu lejh ...bħal wieħed li n-nies jaħbu wiċċhom minnu" (Isa 53: 2.3).





Fil-fatt, il-film jibda bil-kliem meħudin minn dan it-test bibliku. Il-verbi qawwija hawn "*miġruħ* [minħabba fi dnubietna], *misħuq* [minħabba fi ħżunitna]" (Is 53:5) huma mfissra f'xena waħda wara l-oħra matul dan il-film. B'ħila kbira, Mel Gibson irnexxielu jgħaqqad it-tifsira ta' l-Ewkaristija bħala għotja ma' dak li kien qed jiġri fil-passjoni u l-mewt ta' Ġesù. Dan jagħmlu billi jurina kif Ġesù, bħal dan il-Qaddej ta' Jaħweh "wiċċu tħassar, donnu ma kienx bniedem u s-sura tiegħu ma kontx tqisha ta' bniedem" (Isa 52:14).



## OMM ĠESÙ



Jekk Ġesù huwa l-protagonista ewlieni ta' dan il-film, miegħu hemm ukoll żewġ personaġġi oħra li l-*producer* tal-film jippreżentahom f'waqtiet deċiżivi ta' din l-istorja. L-ewwel personaġġ hija mara: Marija, omm Ġesù. L-Evanġelista San Ġwann, meta jiġi biex jirrakkonta l-passjoni ta' Ġesù, jinfurmana li omm Ġesù kienet hemm ukoll. Imma taħt is-salib din il-mara ma tlissen l-ebda kelma, minflok ir-Raba' Evanġelista jagħtina biss il-pożizzjoni tagħha: "Kien hemm *wieqfa* ħdejn is-salib ta' Ġesù, ommu" (Ġw 19:25).

Dan hu l-mod kif il-film juri lil omm Ġesù. Kważi fix-xeni kollha, din il-mara hija murija bilwieqfa, jiġifieri, bħala mara determinata quddiem "is-siegħa ta' Ġesù" li issa kienet qed isseħħ quddiemha. Mel Gibson jippreżentalna lil Marija hemm kontinwament qrib binha. Hija tidher waqt l-akkużi kontra Ġesù fil-palazz tal-Qassis il-Kbir; waqt li Ġesù kien marbut bil-ktajjen fil-ħabs ta' dan il-palazz; fil-bitħa tal-Palazz ta' Pilatu; fil-mixja lejn is-salib; u fuq il-Golgota qrib is-salib ta' binha.

Minbarra dan, il-*producer* jagħtina wkoll *flashbacks* li jkomplu jsaħħu din l-impressjoni t'intimità bejn din il-mara u binha meta dan kien iżgħar fid-dar ta' Nazaret.

Interessanti ħafna x-xena tal-mara ta' Pilatu li tmur għand omm Ġesù u tagħtiha lożor bojod mitwija puliti li bihom Marija, imbagħad, tmur tixxotta d-demm għażiż ta' Ġesù minn ma' l-art fejn qabel kienet saret il-flaġelazzjoni. Xena oħra unika f'dan il-film hija meta wara li Pietru ċaħad lil Ġesù għat-tielet darba, huwa mar jibki f'riġlejn omm Ġesù.

Xeni bħal dawn, li ma nsibuhomx irrakkuntati fl-Evanġelji Kanoniċi, jidher li ġew ispirati mir-rakkont tal-passjoni tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, li jingħad li ġew mogħtija minn fomm omm Ġesù stess lis-soru mistika Anne Catherine Emmerich li l-Papa dalwaqt ser jiddikjaraha Beata (ara l-ktieb tagħha: *The Dolorous Passion of Our Lord Jesus Christ*). Din hija l-istqarrija ta' Mel Gibson stess fil-*Website* uffiċjali ta' dan il-film.



## IL-PRINĊEP TA' DIN ID-DINJA



Il-personaġġ l-ieħor li jispikka fil-*plot* ta' dan il-film huwa x-xitan! Ix-xitan ippersonifikat, kif inhuwa muri f'dan il-film, jidher l-ewwel fix-xena ta' l-agunija ta' Ġesù fil-ġnien tal-Ġetsemani. Hawn Ġesù, li kien jaf x'ġej għalih, kellu jagħżel bejn li jwettaq ir-rieda tal-Missier jew li jobdi l-gideb tax-xitan li f'dan il-film jgħidlu li ħadd ma jista' jġorr il-piż kbir li kien ġej għalih. Lix-xitan, imbagħad, nerġgħu narawh waqt ix-xena twila tal-flaġellazzjoni, u fuq is-salib meta wieħed minn dawk li kienu mislubin ma' Ġesù jgħidlu: "issa kulħadd telaq." Ix-xitan jispikka wkoll fix-xena tal-mewt ta' Ġuda fejn hawn jieħu forma ta' bosta tfal jiġru wara dan l-appostlu li ttradixxa lil Ġesù.

Permezz ta' omm Ġesù min-naħa, mela, u tax-xitan min-naħa l-oħra, il-*producer* iġagħalna naħsbu fuq din it-taqbida ta' Ġesù. Fix-xena tat-tislib, Mel Gibson, joħroġ tajjeb dak li jgħidulna xi wħud mill-Evanġelji, li l-qassisin il-kbar u wieħed mill-ħallelin jidħlu f'alleanza max-xitan meta bil-kliem provokattiv tagħhom ippruvaw jikkonvinċu lil Ġesù sabiex jinżel minn fuq is-salib sabiex juri li hu tassew l-Iben ta' Alla. Imma Ġesù wera l-identità tiegħu billi bħala l-Iben ubbidjenti tal-Missier baqa' msammar mas-salib!




## ANTI-SEMITIŻMU

Il-film ġie akkużat li ser ikun kawża li jqajjem mill-ġdid sentimenti ta' anti-semitiżmu. Din l-akkuża saret ħafna qabel lill-istess Evanġelisti li jingħad li kienu huma l-għerq ta' dan il-moviment kontra l-Lhud. Imma dan il-ġudizzju mhuwiex ġust meta nistudjaw u nagħrblu l-kuntest storiku li fih u għalih inkitbu l-Evanġelji. F'dan il-każ, ikollna nakkużaw ukoll il-Profeti, li tkellmu b'lingwaġġ iebes kontra ġenshom stess!

Hawnhekk tajjeb nifhmu li b'anti-semitiżmu qed nifhmu attakk konsistenti ta' mibegħda kontra l-ġens Lhudi u ta' dak kollu li hu Lhudi. Imma din hija xi ħaġa li tmur kontra l-istess messaġġ ta' l-Evanġelju u ta' dan il-film, li fih jispikka ħafna l-aspett ta' maħfra min-naħa ta' Ġesù.

Minbarra hekk, it-terminu anti-semitiżmu huwa anakronista għall-Evanġelji. Minkejja dan, ma jfissirx li kemm l-Evanġelji kif ukoll dan il-film ma jesprimux sentiment anti-Ġudajku, jiġifieri, sentiment kontra t-twemmin Lhudi li mhux bil-fors jissarraf f'anti-semitiżmu. Fil-fatt, minkejja li Mel Gibson jiċħad bil-qawwa kollha li wara dan il-film hemm dan is-sentiment ta' anti-semitiżmu, b'danakollu faċli li waqt li wieħed ikun qed isegwi l-*plot* ta' dan il-film jinbet fih sentiment ta' rabja quddiem in-nuqqas ta' sinċerità tal-kapijiet reliġjużi Lhud li akkost ta' kollox riedu jikkonvinċu lil Pilatu sabiex isallab lil Ġesù, kif fil-fatt naqraw fir-rakkonti ta' l-Evanġelju.

Il-film jippreżentalna lil dawn il-kapijiet tal-Lhud li jmorru jħabbtu l-bibien ta' Lhud oħra bil-lejl u joffrulhom il-flus sabiex imorru jsibu malajr xhieda kontra Ġesù. Hemm ukoll ix-xena tal-ħelsien ta' Barabba. L-espressjoni fuq wiċċ wieħed mill-qassisin il-kbar hekk kif dan Barabba ġie meħlus u għadda qribu, hija waħda ċinika u li titkellem weħidha!

Imma minbarra dan kollu u xeni oħra li hawn ma għandniex l-ispazju sabiex jitkellmu fuqhom hemm ħaġa li faċli ħafna taqbżilna. Qed nirreferi għat-titlu ta' dan il-film. Tajjeb ninnutaw hawn li l-film ma jismux "The Passion of Christ" iżda "The Passion of THE Christ." Permezz ta' l-artiklu definittiv quddiem in-nom "Christ" jidher li fl-għażla ta' dan it-titlu ried jitwassal messaġġ

sottili ħafna. L-artiklu definittiv "the" qabel "Christ" juri li hemm Messija/Kristu wieħed biss: IL-Messija, Ġesù ta' Nazaret. Din hija l-verità li aħna l-Insara ma nistgħux niċħduha. Imma fl-istess ħin, sfortunatament, din in-nota għandha wkoll konsegwenzi negattivi għal dawk il-Lhud li għadhom jistennew il-Messija jew li ġew akkużati li qatlu lill-Messija!

## IL-VALUR TAL-FILM FL-ISTUDJI BIBLIĊI

Jiena naħseb li ħadd ma jista' jiċħad li dan hu film spettakulari li fih sar sforz kbir sabiex il-ftit kliem li fih isir bil-lingwi mitkellma fi żmien Ġesù fil-postijiet li fih għex Ġesù. Minkejja dan, jibqa' l-fatt li kull biblista serju jsibha diffiċli li jaċċetta films bħal dawn. Dan l-għaliex fl-istudji bibliċi mhuwiex aċċettabli li xi ħadd jaqbad episodji differenti meħuda mill-erba' Evanġelji u jiġborhom flimkien sabiex jagħtina prodott wieħed. Hekk għamilna, per eżempju, bil-*Via Sacra,* bis-seba' kelmiet ta' Kristu fuq is-salib u b'tant kotba oħra li ppruvaw jagħtuna l-ħajja ta' Ġesù. Donnu hawn għandna ingredjenti differenti, li tħallathom flimkien biex tagħmel *cake* tajjeb. Imma mhux hekk fl-istudji bibliċi!



Hawn kull Evanġelju jiġi studjat għalih, għaliex inkella ser insibuha diffiċli sabiex inwieġbu għall-bosta tensjonijiet li nsibu bejn Evanġelju u ieħor. Kull Evanġelista kellu t-teoloġija tiegħu li biha akkumpanja r-rakkonti li ħallielna fil-kitba tiegħu. Hekk, per eżempju, ir-Raba' Evanġelista meta jiġi biex jagħtina r-rakkonti tal-passjoni ta' Ġesù, huwa jħalli barra l-agunija tal-Ġetsemani. Huwa ma jsemmix l-għaraq tad-demm li jsemmi San Luqa jew it-talba ta' Ġesù lill-Missier biex jekk jista' jkun iwarrab minnu l-kalċi, lanqas ma jsemmi d-dehra ta' l-anġlu sabiex ifarraġ lil Ġesù. Fir-Raba' Evanġelju ma nsibux il-bewsa ta' Ġuda.

Minflok, dan l-Evanġelista joħloq impressjoni ta' maestà fuq dawk li marru biex jaqbdu lil Ġesù li kienu aktar minn 600 suldat! Imma din l-impressjoni ta' maestà tintilef minn xeni tal-bidu ta' dan il-film. Minkejja li Mel Gibson ħa mir-Raba' Evanġelju l-mistoqsija fuq fomm Ġesù: "Lil min qegħdin tfittxu?" hu jħalli barra d-dettal li għat-tweġiba "Jiena Hu" is-suldati waqgħu quddiem din it-Teofanija rrappreżentata fit-tifsira ta' l-isem "Ego Eimi" (Jiena hu).

Quddiem films bħal dawn, mela, tqum il-mistoqsija ta' kif ser nirrikonċiljaw il-fatt li r-Raba' Evanġelju jibqa' għaddej bin-nota ta' maestà ta' Ġesù sultan li allura, per eżempju, ħadd ma jobżoqlu fuq wiċċu, ma' dak li jgħidulna l-Evanġelji Sinottiċi li tagħhom il-film huwa aktar qrib f'ċerti xeni? Jew kif ser nirrikonċiljaw l-episodju ta' Xmun iċ-Ċirinew imsemmi biss fl-Evanġelji Sinottiċi u li f'dan il-film jieħu importanza kbira, mar-rakkont tal-passjoni fir-Raba' Evanġelju fejn naqraw li huwa Ġesù stess li jimxi bis-salib sa l-aħħar għax din hija proċessjoni trijunfali tas-sultan li sejjer għall-intronizzazzjoni tiegħu fuq is-salib? Jew kif ser nirrikonċiljaw l-għajta tad-dwejjaq ta' Ġesù fuq is-salib, kif naqraw fl-Evanġelji Sinottiċi, mal-mod din-jituż li bih Ġesù jmut fir-Raba' Evanġelju meta jgħid: "Kollox hu mitmum"? (Ġw 19:30).

Mel Gibson ipprova jgħaqqad dan kollu flimkien; in-nifda tal-kustat ta' Ġesù li nsibuha biss fir-Raba' Evanġelju, mat-tgħajjir ta' dawk li kienu taħt is-salib, kif naqraw fl-Evanġelji Sinottiċi biss. Huwa jgħaqqad flimkien it-terrimot li jsemmuh biss l-Evanġelji Sinottiċi, mal-preżenza tad-dixxiplu l-maħbub li akkumpanja lil omm Ġesù, kif naqraw biss fl-Evanġelju skond San Ġwann.

Dawn huma xi ftit eżempji mil-lista twila. Imma dawn l-eżempji juruna l-għaliex fl-istudji bibliċi, kuntrarju għal dan it-tip ta' films u kotba, kull Evanġelju jrid jiġi studjat għalih waħdu mingħajr ma wieħed iħallat miegħu siltiet minn Evanġelji oħra. Jekk nagħmlu hekk, inkunu qed nittradixxu t-teoloġija ta' kull Evanġelista li jvarjaw bejniethom f'ħafna mid-dettalji tar-rakkonti tagħhom. Għalhekk dan il-film, minkejja li jappella ħafna għas-sentiment reliġjuż, u jista' jkun mezz qawwi ta' evanġelizzazzjoni, speċjalment għal dawk li tbiegħdu mill-persuna ta' Ġesù Kristu, xorta waħda dan jibqa' prodott li mhuwiex aċċettabbli min-naħa ta' l-istudji bibliċi. ❑

# 30 sena Preżenza tal-Kapuċċini fil-Kenja

It-tletin sena tal-preżenza tal-Franġiskani Kapuċċini fil-Kenja ġiet iċċelebrata fid-Dar tal-Formazzjoni (kunvent) ta' Langata, f'Nairobi, fejn hemm joqogħdu u jistudjaw, bi tħejjija ħalli jsiru saċerdoti reliġjużi, l-istudenti Kapuċċini Kenjani. Din iċ-ċelebrazzjoni kellha tliet mumenti matul nofs ta' nhar sħiħ. Fil-fatt, nhar l-Erbgħa, 11 ta' Frar 2004, saret laqgħa tal-Kapuċċini Professi li nzertaw kienu f'Ġimgħa laqgħat għall-Kapitlu, maż-żewġ isqfijiet Maltin, Mons. Pawlu Darmanin, isqof ta' Garissa, li din is-sena jagħlaq għoxrin sena isqof, u Mons. Francis Baldacchino, isqof ta' Malindi.

F'din il-laqgħa tkellmu l-isqfijiet u taw l-esperjenzi tagħhom.

Mons. Pawlu Darmanin fakkar fil-progress kbir li sar matul dawn it-tletin sena bit-twaqqif u t-tisħiħ tal-Knisja lokali kemm b'ħafna vokazzjonijiet għall-ħajja reliġjuża kif ukoll għall-ħajja saċerdotali djoċesana. Apprezza ħafna l-preżenza tar-reliġjużi fid-djoċesi ta' Garissa u qal li djoċesi mingħajr xhieda tal-ħajja reliġjuża mhix djoċesi kompleta.

Mons. Francis Baldacchino, li huwa l-uniku missjunarju li għadu fil-missjoni mill-grupp ta' sitta li rifsu għall-ewwel darba fil-Kenja f'Jannar 1974, ta l-





*Fiż-żewġ ritratti ta' fuq jidhru Mons. Paul Darmanin u Mons. Francis Baldacchino jagħtu l-esperjenzi tagħhom.*

*Isfel: L-Aħwa Kapuċċini li attwalment jinsabu fil-Kenja.*



esperjenza ta' l-ewwel snin tiegħu fil-missjoni. Filwaqt li Mons. Leo White ħa ħsieb l-iżvilupp ta' Garissa u Wajir, Mons. Baldacchino niżel 'l isfel fuq il-gżira ta' Lamu minfejn beda l-ħidma tiegħu, l-ewwel bħala *headmaster* ta' skola sekondarja u mbagħad ferrex il-ħidma pastorali tiegħu sa Mpeketoni, li prattikament kienet għadha foresta u ma kien hemm kważi xejn, u, li llum hija l-akbar parroċċa fid-djoċesi ta' Malindi. Semma wkoll xi esperjenzi ta' l-ewwel missjunarji. P. Joe Alessandro, delegat tal-Provinċja Kapuċċina ta' Malta ta ħarsa ħafifa ta' storja u ta' żvilupp matul dawn it-tletin sena: minn sitt missjunarji Kapuċċini Maltin għal sittin Kapuċċin bejn Kenjani u Maltin.

It-tieni parti taċ-ċelebrazzjoni kienet quddiesa kkonċelebrata, immexxija minn Mons. Pawlu Darmanin flimkien ma' Mons. Francis Baldacchino li għamel l-omelija. Fil-quddiesa ta' radd il-ħajr ħadu sehem diversi saċerdoti u reliġjużi Maltin u Kenjani kif ukoll xi ħbieb u benefatturi. Kienet ċelebrazzjoni animata b'ħafna kant ritmiku Afrikan.

Wara ċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija, kull min kien preżenti ltaqa' fis-sala tal-kunvent fejn saru diskorsi ta' l-okkażjoni, tqassam ktejjeb magħmul mill-istudenti Kapuċċini, li jiġbor fih tagħrif storiku ta' dawn it-tletin sena kif ukoll messaġġi u esperjenzi. Kien mument li fih wieħed seta' jaqsam mhux biss il-ferħ imma wkoll l-ikel.

Nawguraw li l-Aħwa Kapuċċini jkomplu jikbru fil-qdusija u fin-numru fl-art tal-Kenja. ❑





*Diversi mumenti waqt il-Konċelebrazzjoni li mexxa Mons. Pawlu Darmanin, Isqof ta' Garissa, flimkien ma' Mons. Francis Baldacchino, Isqof ta' Malindi, li għamel l-omelija f'din l-okkażjoni. L-Aħwa Kapuċċini kollha ħadu sehem f'din il-quddiesa kkonċelebrata b'tifkira u b'radd ta' ħajr għat-tletin sena tal-preżenza tagħhom fil-Kenja, fl-Afrika.*





P. William Axiaq OFMCap



# Teleskopju fuq il-ħajja

***Meta niffukaw fuq ċerti ġrajjiet li jkunu qegħdin jiġru fil-ħajja ta' kuljum - bħalma kienu jagħmlu l-fotografi meta kienu jieħdu r-ritratti biex iġibuhom sew - jirnexxilna narаw is-sitwazzjoni b'mod ċar u oġġettiv. Meta nagħmlu hekk biss, inkunu nistgħu mbagħad neżaminaw sew dak li jkun qed jiġri madwarna u nitgħallmu minnu.***

## 1 BEJN SIMPATIĊI U ANTIPATIĊI

Fis-soċjetà li qegħdin ngħixu fiha nħolqot distinzjoni bejn persuna u oħra. Din id-distinzjoni taqsam il-persuni f'xi wħud li huma simpatiċi u f'oħrajn li huma l-oppost tagħhom, antipatiċi. Huma żewġ espressjonijiet li tismagħhom kullimkien; fil-knisja, fil-familji, fil-klassijiet ta' l-iskola jew tal-katekiżmu, f'postijiet ta' divertiment...

Sa ftit ilu, iż-żewġ kelmiet opposti għal xulxin, l-iżjed li konna nisimgħuhom fejn tidħol is-sbuħija jew in-



nuqqas ta' sbuħija fiżika, jew aħjar, tal-wiċċ fejn jidħol in-natural ta' dak li jkun. Illum, id-distinzjoni qiegħda ssir minħabba raġunijiet oħrajn, skond kemm persuna tgħid ċertu tip ta' diskors li jinżel jew le lil dak li jkun.

Skond ħafna nies, illum il-ġurnata min hu simpatiku? Min jaħbilhom il-verità; min iħobb iħarref speċjalment fuq il-mezzi tax-xandir; min jagħtihom il-lala f'dak li jagħmlu; min ma jikkoreġihomx meta jiżbaljaw; min joqgħod jidħqilhom meta jgħidu l-ħmerijiet; min jgħidilhom li ma ġara xejn meta jħattru xi waħda minn tagħhom...

Min hu antipatiku? Hu antipatiku min jgħid is-sewwa ta' Alla; min idawwal lil ħaddieħor b'tagħlim sod, speċjalment fuq kwistjonijiet ta' natura delikata ħafna; min iċanfar meta jkun hemm bżonn; min jipprova jżomm ir-riedni ħalli dak li jkun ma jagħmilx dak li jgħidlu moħħu imma dak li tiddettalu l-kuxjenza tiegħu; min jisserja meta jingħadu ħwejjeġ stunati quddiemu, ngħidu aħna, fil-fabbriki; min joqgħod ifakkar fil-kmandamenti ta' Alla; min ilissen il-kelma dnub fis-soċjetà; min kapaċi jżomm u juża l-awtorità tiegħu f'sitwazzjonijiet li fihom dak li jkun ma jkunx qed jagħmel dak li hu sew u xieraq, bħalma jista' jiġri fil-familja bejn ġenituri u wlied...

Il-veru qegħdin tajjeb! Min iridilna l-ġid noqogħdu llaqqmuh antipatiku u min irid jidħak bina f'wiċċna niggustawh, narawh sabiħ u ntaptpulu fuq spallejh! Sewwa kien ħabbar San Pawl meta kiteb: "Għax għad jiġi żmien meta għat-tagħlim tajjeb ma jibqgħalhomx sabar, iżda widnejhom jikluhom u jiġbru madwarhom qabda mgħallmin skond ma jixtiequ, u jwarrbu widnejhom mis-sewwa biex jiġġerrew wara l-ħrejjef" (2 Tim 4, 3-4).

***Mulej, agħmel li nara sabiħ biss lil min iwassalli l-verità tiegħek.***

## 2 ĦJIEL ALLA FIS-SOĊJETÀ

Sa ftit ilu, kollox kien ifakkarna f'Alla: ismijiet ta' toroq, tokki ta' qniepen, is-suttana tas-saċerdoti u l-labtu tar-reliġjużi, programmi reliġjużi ta' spiss fuq ix-xandir,




statwi u niċeċ fit-toroq, ġirien jgħidu r-rużarju ħdejn il-bieb ta' barra ta' xi ħadd minnhom, santi fuq il-karozza tal-linja, ħafna purċissjonijiet, trabi u toroq immsemmijin għal qaddisin... Illum il-ġurnata dan it-ton reliġjuż fil-ħajja qed jinqata' kontinwament u wasal biex jinqered darba għal dejjem. Is-Salmista jilmenta fi żmien ta' ħerba nazzjonali u jgħid: "Ħarqu kull post imqaddes ta' Alla f'artna" (74[73], 8).

Fis-soċjetà li qegħdin ngħixu fiha xi wħud ħalfu li jridu jwarrbu 'l Alla għal kollox mis-soċjetà. Iridu soċjetà mingħajr l-iċken ħjiel tiegħu. Alla u l-ħsieb tiegħu saru jdejquhom. Ma jriduhomx huma u, fl-istess ħin, ma jridux li ħaddieħor ikun differenti minnhom. Iridu li anki ħaddieħor jibda jwarrab 'l Alla u l-liġi tiegħu, bħalma qegħdin jagħmlu huma. Isostnu li mingħajr Alla l-ħajja timxi iżjed aħjar. B'Alla fis-soċjetà jħossu li Alla joqgħod jindaħlilhom għal kull ħaġa ta' xejn. Għalihom Alla hu sikkanti. Jaqtgħalhom nifishom. Biex ngħid hekk, meta l-bniedem jiddeċiedi li jniżżel il-bandiera ta' Alla minn fuq l-arblu ta' ħajtu, dan ma jistax jibqa' mingħajr bandiera. Sidu żgur itella' bandiera ta' xi ħadd ieħor jew ta' xi ħaġa oħra. Ħafna drabi tkun dik tal-kapriċċi u ta' l-egoiżmu tiegħu. Din imbagħad tibda tperper fuq ħajtu meta, kif nafu, ma hija bandiera sabiħa xejn!

***Mulej, begħedna miċ-ċaħda tiegħek, ħalli b'hekk nibqgħu f'postna ferħanin.***

## 3 DAK QRAR?

Il-qrar naqas drastikament fil-Knisja. B'daqshekk, iżda, ma jfissirx li ma għadx hawn ħafna nsara li jersqu jqerru sew ta' spiss u sew ta' darba kull tant, jew f'ċerti okkażjonijiet: festa tal-belt jew tar-raħal, tiġijiet, vjaġġi ta' safar fit-tul, funerali, ċirkustanzi ta' magħmudija, l-ewwel tqarbina ta' l-ulied, griżma ta' l-isqof, qabel xi operazzjonijiet serji...

Li mmorru nqerru hija ħaġa tajba ħafna. Turi att ta' fidi, basta nagħmlu hekk b'sinjal ta' konverżjoni. Fl-aħħar mill-aħħar il-qrar illum il-ġurnata qegħdin insejħulu s-sagrament tar-rikonċiljazzjoni jew ta' l-indiema jew tal-penitenza kif tassew hu.

Mingħajr ma nifhem nidħol fil-kuxjenza ta' kull min imur iqerr regolarment jew bl-iskossi, ikolli ngħid li ħafna mill-qrar li jsir fil-knejjes tagħna, fid-djar, fl-isptarijiet jew fuq ix-xogħol, huwa qrar ta' konvenjenza.



Peress li hawn katekeżi nieqsa fost l-insara Maltin u Għawdxin, ħafna ma jafux x'inhu l-qrar fil-verità. Ġeneralment bosta jersqu jqerru biex ikunu jistgħu jitqarbnu, u jieqfu hemm.

Nistaqsi: "Meta l-insara jmorru jqerru sempliċement biex wara jkunu jistgħu jitqarbnu, dan nistgħu ngħidulu qrar?" Inħoss li m'huwiex qrar. Persuna tmur tqerr mhux biex tkun tista' titqarben biss, imma prinċipalment biex tiksirha, possibbilment darba għal dejjem, mad-dnub. Tmur f'riġlejn is-saċerdot biex tistqarr dnubietha ħalli Kristu jagħtiha l-grazzja tiegħu u hi tibqa' tgħammar fiha. Din tgħinha ħalli d-dnub tagħtih biċċa minn djulha u tbewċu 'l barra, illum qabel għada, minn ħajjitha. Tmur tqerr biex tħalli l-ispirtu ta' Ġesù jdawwalha dwar kemm hu ikrah id-dnub, anki żgħir, u kemm hija sabiħa l-grazzja ta' Alla. Tmur tqerr biex tħalli l-Ispirtu s-Santu jnissel fiha l-biża' ta' Alla u b'hekk tirrealizza u temmen li Alla tant iħobbha li suppost lanqas biss jaħbtilha ma' moħħha li tifhem toffendih. Fejn hemm l-imħabba sinċiera, dejjem għandek issib element qawwi ta' biża'. Min iħobb fis-sewwa jibża' jonqos il-persuna maħbuba.

**Mulej, agħmel li dejjem nersaq bi spirtu ta' ndiema li għandu jibqa' jakkumpanjani sakemm nerġa' nersaq f'riġlejn is-saċerdot biex nistqarr dnubieti mill-ġdid.**

P. Joe Buttigieg OFMCap

# Efesu



Waħda mit-toroq ewlenin tal-belt antika ta' Efesu.

Il-belt ta' Efesu għandha storja qadima ħafna. Il-bidu tagħha mhux magħruf, forsi tas-sitt jew tmien seklu qabel Kristu. It-twaqqif tagħha nafuh lill-mitoloġija. Matul is-sekli li għaddew minn fuqha, Efesu ġiet miġġielda u maħkuma minn ħafna ġnus li ġarrfuha, reġgħu bnewha, u mexxewha minn naħa għal oħra skond l-interessi tagħhom.

Il-fdalijiet monumentali tal-belt ta' Efesu illum huma l-fdalijiet tat-tielet belt li kienet ġiet mibnija. Hija belt greco-rumana. Kienet din it-tielet belt Efesina, fl-Asja ż-Żgħira, li laqgħet ix-xandir tal-Evanġelju ta' Ġesù Kristu.

Wara Alessandria, fl-Eġittu, u Antijokja tas-Sirja, illum fit-Turkija, Efesu kienet l-iktar belt li fiha kienu jgħixu nies. Kienet il-belt kapitali tal-provinċja konslari tal-Asja ż-Żgħira bil-prokonslu residenti fiha. Il-port u s-suq tagħha klenu jaghmlu minnha belt ta' importanza kummerċjali, politika u reliġjuża kbira.

Artemis *Polimaste* (ta' ħafna isdra), l-alla efesina tal-ħajja u tal-fertilltà, blt-templu tagħha, Il klen wieħed mls-seba' għeġubijiet tal-dinja antika, kienet tgawdi devozzjoni kbira u kienet tiġbed lejha follol kbar ta' devoti li kienu jdawru sewwa r-rota kummerċjali tal-artiġjani.

San Pawl wasal Efesu għall-ewwel darba fis-sajf tas-sena 52 w.K. flimkien ma' Prixxilla u Akwila fi triqtu lejn is-Sirja waqt li kien qiegħed itemm it-tieni vjaġġ missjunarju tiegħu. Imma ma damx wisq hawn u ħalla lill-koppja Prixxilla u Akwila warajh (*Atti* 18, 18-21).





Id-Dar tal-Madonna mibdula f'kappella: kif tidher minn ġewwa (fuq), u minn barra (isfel).

Magħhom, imbagħad, ingħaqad Apollo "raġel jinqala' biex jitkellem, u għaref fl-Iskrittura...kien jgħallem fuq Ġesù" (Atti 18, 24-26).

Imma wieħed jista' jgħid li x-xandir tal-Evanġelju f'Efesu ssaħħaħ meta reġa' lura hemm San Pawl u baqa' hemm xi tliet snin.

Minn dak li wieħed jista' jaqra fil-kapitli 19-20 tal-Ktieb tal-Atti, wieħed jara kemm l-evanġelizzazzjoni ta' Pawlu u d-dixxipli tiegħu, Epafra, Timotju, Erastu, Gaju, Aristarku, Titu u oħrajn, f'Efesu ma kinetx waħda ħafifa, imma switilhom ħafna tbatija u tiġrib. Pawlu stess jitkellem minn dan iżjed minn darba fl-ewwel u t-tieni ittra tiegħu lill-Korintin, fl-Ittra lir-Rumani (1Kor 15, 32; 2Kor 1, 8-9; Rum 16, 3.7). Imma minkejja kollox, "Alla kien jagħmel mirakli mhux żgħar permezz ta' Pawlu" (Atti 19,11).


*Fdalijiet mit-tempju ta' Adrijanu.*

Hemm tradizzjoni qadima ħafna li tgħid li l-appostlu San Ġwann għex l-aħħar żmien ta' ħajtu f'Efesu. Il-karattru tar-raba' evanġelju, kif ukoll il-qagħda tal-Knejjes li minnhom iridu jitkellmu l-ittri ta' l-istess Appostlu, ifissru sewwa l-kuntest kulturali t'Efesu. L-istess ħaġa tidher li jrid jgħid l-awtur tal-Ktieb tal-Apokalissi, li jsejjaħ lilu nnifsu Ġwanni (Apok 1, 9) tal-ittra "lill-anġlu tal-knisja li hemm f'Efesu..." (Apok 2, 1).

Tradizzjoni qadima oħra żżomm li San Ġwann kien ġab miegħu hawn lill-Verġni Mbierka Marija, Omm Ġesù, u bnielha dar ċkejkna fuq muntanja qrib il-belt ta' Efesu. Din id-Dar, MeryemAna Evi, tiġbed lejha maż-żewġ miljun viżitatur fis-sena, kemm insara kif ukoll musulmani.

Wara żmien l-Appostli, l-isem tal-belt ta' Efesu nisranija jidher f'ittra miktuba minn Iżmir (Smirnya) minn Sant'Injazju t'Antijokja. F'din l-ittra Injazju jfaħħar lill-Knisja t'Efesu li hija mbierka għax dejjem żammet sod fit-tiġrib kollu tagħha. Infatti, il-Knisja ta' Efesu dejjem kellha importanza fuq il-Knejjes Asjatiċi l-oħrajn kollha. Biżżejjed wieħed jiftakar li lejn is-sena 190, l-isqof Polikrate ta' Efesu jidher bħala kap u gwida tal-isqfijiet Asjatiċi li, kuntrarju għall-prassi rumana-alessandrina, kienu jiċċelebraw l-Għid il-Kbir fl-14 tax-xahar ta' Nisan, jaħbat meta jaħbat matul il ġimgħa.

L-influwenza politika-reliġjuża tal-Knisja Efesina bdiet tmajna minn żmien l-imperatur Dijoklezjanu minħabba fl-istrutturazzjoni ġdida tal-provinċji. Imma l-iktar minħabba l-importanza ta' Ruma l-ġdida, Kostantinopli, li rabtet il-patrijarkart u l-imperu ħaġa waħda. Minbarra dan, Kostantinopli ġibdet lejha l-kummerċ tar-reġjun madwarha hekk li dan dgħajjef il-kummerċ tal-ibliet bħal Efesu u Iżmir. Dan kollu ħalla effett ħażin fuq il-ħajja tal-Knisja f'Efesu.

Imbagħad, fis-sena 431, f'Efesu ltaqa' t-Tielet Konċilju Ekumeniku li ddikjara lill-Verġni Mbierka Marija bħala Omm Alla, *Theotokos* (ara *Dawl Franġiskan* il-ħarġa ta' Jannar 2004). Konċilju ieħor li ltaqa' f'din il-belt kien dak tas-sena 475.

Imma il-passat glorjuż tal-belt Efesina kien għadu m'għaddiex u reġa' ħa xi ftit tal-ħajja bil-bini tal-knisja kbira li l-imperatur Ġustinjanu bena f'ġieħ l-Appostlu San Ġwann fuq il-qabar ta' l-istess Appostlu (540) li kienet tiġbed lejha ħafna pellegrini nsara. Wieħed biżżejjed isemmi lill-pellegrina Spanjola Eterja fir-raba' seklu. Ma' din il-Knisja ta' importanza kbira wieħed irid iżied il-Knisja tas-Seba' Reqdin li kien bena l-imperatur Teodozju II (445) li wkoll kienet u għadha tiġbed lejha ħafna pellegrini, l-aktar musulmani.

Il-Kristjanità għebet minn Efesu kważi għal kollox fil-11-il seklu bl-islamizzazzjoni tal-Asja ż-Żgħira. Biss il-fdalijiet momumentali, anke dawk insara, għadhom jiġbdu lejhom miljuni ta' turisti u pellegrini ta' kull sena. ❑

## Talb għax-xahar ta' April 2004

O Qalb ħanina ta' Ġesù, kull ma nitlob, kull ma nagħmel u kull ma nġarrab f'dan il-jum, jgħaddi għalik mill-Qalb bla Tebgħa ta' Marija għat-tpattija ta' dnubietna, tad-dagħa li bih hu mżeblaħ l-Isem imqaddes tiegħek; u għall-fehmiet kollha li inti għandek f'kull quddiesa li titqaddes. Noffrihomlok fuq kollox għall-fehmiet tal-Papa u ta' l-Isqfijiet tagħna għal dan ix-xahar.

1. Biex tingħata l-attenzjoni meħtieġa għat-tħejjija sħiħa lil dawk li qegħdin iħejju ruħhom għall-Ordni Sagri u għat-taħriġ kontinwu ta' dawk li diġà huma ordnati.
2. Biex l-ispirtu missjunarju jkun suġġett ta' riflessjoni u ta' impenn kostanti fil-ħidma pastorali tal-komunità nisanija.
3. Biex l-Għid il-Kbir ikun għalina festa li tnissel f'ruħna l-hena u l-paċi ta' Kristu rxoxt u timlielna qalbna bil-fiduċja fil-ħniena infinita ta' Alla.

*Kull xahar ikun hemm tliet intenzjonijiet:*
*1. Ġenerali; 2. Missjunarja; 3. Ta' l-Isqfijiet tagħna.*

*Umberto Mule Stagno Gi. Fra.*

# Is-sema: Dak kollu li jidher u dak li ma jidhirx



***Mulej, Sid tagħna, kemm hu kbir ismek fl-art kollha! Int qegħedt is-sebħ tiegħek 'il fuq mis-smewwiet ...***

***Inħares lejn is-smewwiet, għemil subgħajk, il-qamar u !-kwiekeb li int qegħedt fihom!***

***X'inhu l-bniedem biex tiftakar fih, bin il-bniedem, biex taħseb fih?***

***Salm 8: 2.4-5***

Tul dawn l-eluf ta' snin, il-bniedem, mod jew ieħor, dejjem kellu xi jġiegħlu jħares 'il fuq lejn is-smewwiet. Kellu iktar ħin. Forsi qabel, ferm aktar milli issa, l-eluf kbar ta' kwiekeb li kienu jkunu bħal tapit, jew anke sħab mifruxin tul is-sema kollu, kienu jsaħħruh u jġegħluh jagħmel dik il-mistoqsija: "Min Hu li għamel dan kollu?"



Illum, li għandna iktar tagħrif, u x-xjenza avvanzat, aħna li qed ngħixu fid-dinja 'ċivilizzata', naqqasna ferm mill-apprezzament tas-smewwiet. Speċjalment kagun l-iżvilupp fl-era industrijali, il-forom differenti ta' tniġġiż naqqsu ħafna mid-dija u s-sbuħija tal-kwiekeb: speċjalment tniġġiż ġej minn dawl iddisinjat b'mod traskurat u li jaħli. Illum għandna ħajja mgħaġġla, u rari li bniedem ifettillu jħares 'il fuq ħlief biex jara x'temp hu.

Forsi dawk li jirnexxilhom imorru f'postijiet imbiegħda fl-artijiet tal-missjoni jistgħu jqabblu s-sema li jaraw minn hemmhekk, u japprezzaw dan li qed ngħid, għaliex bosta miljuni huma l-bnedmin f'pajjiżi mbiegħda fejn l-iżvilupp ma laħaqhomx. Forsi dawn japprezzaw u jagħtu iktar ħin biex iħarsu 'l fuq u jimmeditaw jew jitolbu lill-Ħallieq.

Iżda mhux ċkejken in-numru ta' nies entużjasti li josservaw is-smewwiet minn hawn Malta. Anke fil-gżejjer Maltin, diversi mijiet huma dawk li jsegwu mill-qrib dak li għandu x'joffri l-ħolqien lil hinn mid-dinja.

Forsi parti mill-problema ġejja anke mill-fatt li ħafna nies ifixklu l-istudju (jew delizzju) tal-astronomija mal-forma okkulta, li hi l-astroloġija, li tinvolvi l-qari tax-xorti mill-pożizzjonijiet tal-kwiekeb u l-pjaneti fis-sema relattiv ma' dik tad-dinja. Dan jista' jkun li jtellef xi ftit interess, forsi kawża ta' biża'. Huwa minnu li, sa madwar elfejn sena ilu, dawn iż-żewġ 'xjenzi' kienu ħaġa waħda, iżda ma baqgħux hekk.

Illum nafu li l-kwiekeb m'huma xejn ħlief 'xmux', bħax-xemx li magħha ddur id-dinja. Dawn il-kwiekeb jinsabu kollha distanzi mid-dinja ferm differenti, u l-forma li jagħmlu bejniethom, cioè il-kostellazzjonijiet, għal min għandu immaginazzjoni fertili, hija purament logħba ta' pożizzjonijiet. Apparti hekk, fl-astroloġija jingħata każ biss ta' tnax-il kostellazzjoni li minnhom jgħaddu l-pjaneti

l-oħra tas-sistema solari, mentri fil-fatt dawn huma tlettax. Kif ukoll huwa importanti wieħed jiċċara li s-sema huwa magħmul minn ferm iktar kostellazzjonijiet, cioè s-sema huwa iktar vast minn hekk.



Biex nifhmu s-sema ftit aħjar, immaġinaw li s-sema huwa globu kbir li qed inħarsu lejh minn ġewwa. Id-dinja allura hija bħal globu żgħir li jinsab ġewwa dal-globu vast li hu s-sema. Jekk tqabbel is-sema mad-dinja, il-kostellazzjonijiet huma l-ekwivalenti tal-pajjiżi differenti fuq wiċċ id-dinja. Jiġifieri l-astronomi jiftiehmu bejniethom biex josservaw oġġett partikolari skond f'liema kostellazzjoni jinsab, kif ukoll b'sistema ta' koordinament li jixbah lil dak tan-navigazzjoni fuq wiċċ id-dinja. B'hekk tintuża sistema fissa ta' mapep, minħabba li minn sena għal oħra, il-pożizzjoni tal-kwiekeb tibqa' ġeneralment l-istess.

Fost il-forom tal-kostellazjonijiet kif nafuhom illum, hemm dawk ġejjin miż-żmenijiet antiki ta' ċiviltajiet li kienu josservaw is-sema ferm ta' spiss. Ċiviltajiet li writna minn għandhom l-għarfien ta' dawn il-kostellazzjonijiet jinkludu l-Eġizzjani, il-Griegi u anke l-Għarab. Illum, l-ismijiet tal-kostellazzjonijiet huma bil-Latin, hekk kif imfasslin mill-organizzazjoni dinjija tal-astronomi.

Li hemm komuni fl-ismijiet tal-kostellazzjonijiet huma l-ismijiet ta' ħlejjaq tal-art, tal-ajru u tal-baħar: per eżempju *Cygnus, Aquila, Aries, Canis Major, Lynx, Leo, Ursa Major, Serpens, Pisces.* Iżda fil-każ tal-Griegi, dawn taw kas speċjalment tal-personaġġi tal-mitologija (inklużi xi ħlejjaq minn t'hawn fuq), per eżempju *Perseus, Scorpio, Andromeda, Hercules, Gemini, Orion* (il-kaċċatur li ma' ġenbu hemm *Canis*, il-kelb tal-kaċċa), u *Pegasus*, fost oħrajn.

Hemm partijiet tas-sema li min-naħa ta' fuq tad-dinja, speċjalment l-Ewropa, ma jidhrux. Dawn il-partijiet tas-sema bdew isiru magħrufa hekk kif l-esploraturi bdew ibaħħru fin-nofsinhar tad-dinja. Il-kostellazzjonijiet bdew jingħataw ismijiet ta' affarijiet iktar moderni, l-iktar minn żmien is-sejbiet tal-Amerka t'Isfel u l-Afrika t'Isfel. Hawn bdew jagħtu ismijiet bħal *Fornax* (il- forn), *Grus* (il-krejn), *Vela* (il-qlugħ), *Triangulum, Telescopium, Reticulum* (ix-xibka), *Puppis* (il-poppa), u diversi oħrajn.

M'hemmx bżonn apparat speċjali biex tħares lejn is-smewwiet, għalkemm tromba jew teleskopju jservu ħa tara iktar fil-fond. Iżda l-kostellazzjonijiet huma biss il-wiċċ, għaliex hemm miljuni ta' kwiekeb li huma parti mill-galassja tagħna. U bħall-galassja tagħna hawn miljuni kbar. Galassja hija ġabra ta' madwar mitt biljun kewkba, u l-ebda bniedem ma jista' jimmaġina l-kobor tagħha, aħseb u ara l-kobor ta' l-univers!

Biss, ħaġa waħda tgħaqqad lil kull min jagħraf l-isbuħija tal-ħolqien: kollha nagħrfu kemm hu immens. Ilkoll nirrealizzaw kemm tant aħna ċkejknin u insinifikanti, u fl-istess ħin, tant jixhed l-imħabba kbira li tinsab fil-qalb ta' Alla għalina, li tana l-għerf u l-kurżità li niskopruH permezz tal-ħolqien tiegħu.

***Hu jgħodd in-numru tal-kwiekeb; kollha jsejħilhom b'isimhom***

*Salm 147: 4*




• Għażiż Fr. Alessandro, grazzi tar-rivista **Dawl Franġiskan** li tibgħatli ta' kull xahar. Minn qiegħ qalbi nselli għalik u għal sħabek kollha. *J. Mifsud - Mellieħa*

• Għażiż Fr. Joe, jiena nirringrazzjak tar-rivista **Dawl Franġiskan**. Veru nieħu gost naqraha. Issa qed nibgħatlek bolol użati u rċevuti flimkien ma' xi ħaġa żgħira ta' flus li tatni persuna għall-missjoni. Itlob għal din il-persuna u l-familja tagħha. Berikni, inselli għalik u grazzi ta' kollox. *J. Tonna - Msida*

• Għażiż Fr. Joe, prosit tad-**Dawl Franġiskan** ta' dan ix-xahar. Veru għandkom preżentazzjoni tajba ħafna u sabiħa. Inselli għalik u itlob għalina. Grazzi. *J. Borg - Safi*

• Għażiż Fr. Joe, qed nibgħatlek l-abbonament għad-**Dawl Franġiskan** u xi ħaġa żejda. Prosit u komplu fil-ħidma tagħkom li żgur qed tagħmel ħafna ġid. Inselli għalik. *V. Pavia - Żabbar*

Br Andrè Azzopardi OFMCap

# Il-Qima lejn San Franġisk t'Assisi fil-Knejjes Maltin

L-ERBATAX-IL PARTI

***F'din l-edizzjoni tar-rivista Dawl Franġiskan sejrin immorru fir-Rabat ta' Malta fejn insibu damma sħiħa ta' qima lejn San Franġisk t'Assisi minħabba l-preżenza ta' Ordnijiet Franġiskani f'dan il-lokal arjuż. L-ewwel knisja li ser inżuru hawnhekk hija dik tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali fejn ser naraw xi kwadri li saru apposta għal din il-knisja bħala titular tagħha.***

Wara li fis-seklu erbatax dawn il-Patrijiet waslu fil-gżejjer tagħna, huma bnew kunvent u knisja qrib l-isptar San Franġisk li iżjed tard beda jissejjaħ bħala dak ta' Santu Spirtu. Illum dan il-bini antik qed iservi bħala arkivju nazzjonali tal-Gvern Malti. Qrib l-1640 il-kunvent reġa' nbena mill-ġdid u iżjed tard il-knisja għaddiet mill-istess xorti wara li ġarrbet xi ħsarat minħabba terremot li laqat lil Malta fl-1693.

Kien fl-1701 meta l-knisja reġgħet ittellgħet mill-ġdid f'għamla aħjar minn dik ta' qabilha fuq id-disinn tal-famuż Lorenzo Gafà. Hija ddedikata lil San Franġisk fl-għoti tal-pjagi iżda ħafna Maltin isibuha bħala l-knisja tal-Madonna tas-Saħħa minħabba d-devozzjoni li ssawret madwar Ommna Marija f'din il-knisja. Tajjeb li ngħidu li r-rabta ta' devozzjoni lejn il-Madonna taħt dan it-titlu f'dan il-maqdes setgħet nibtet mill-fatt li qrib din il-knisja kien hemm żewġ sptarijiet. Dawn huma l-isptar ta' Santu Spirtu li rriferejt għalih iktar qabel u dak magħruf bħala ta' Sawra. Il-kwadru tal-Madonna tas-Saħħa ġie inkurunat fl-4 t'April 1948.



1



2

Qabel il-kwadru titulari li naraw illum kien hemm diversi kwadri oħra li kienu juru lill-qaddis minn Assisi. Fil-fatt l-ewwel kwadru (ritratt 1) hu qadim ħafna u tpitter fuq tila fis-seklu sbatax. L-istil tiegħu jixbah ħafna l-iskola ta' Siena. Jidher li matul il-medda taż-żmien sar xi xogħol ta' restawr fuqu li iżda minflok sewa biex il-kwadru jkun jista' jitgawda aħjar fis-sbuħija tiegħu, saritlu iżjed ħsara.

Dan il-kwadru jidher li hu kopja ta' ieħor tas-seklu ħmistax li kien impitter fuq l-għuda. Skond l-istil ta' dak il-perijodu, il-pittur jurina lill-fqajjar t'Assisi b'salib patrijarkali biex juri li dan il-qaddis hu l-missier spiritwali

ta' ħafna wlied minħabba li kienu ħafna li fasslu ħajjithom fuq l-Evanġelju ta' Sidna Ġesù Kristu kif għamel hu tul ħajtu. Fil-fatt, f'waħda mill-idejn tal-qaddis, narawh iżomm il-Kelma ta' Alla.

Hu maħsub li dan il-kwadru seta' kien għal xi żmien fil-knisja l-antika imma żgur li ma kienx l-aħħar kwadru titulari ta' dak il-maqdes li spiċċa ma' tmiem is-seklu sbatax. Għal mijiet ta' snin il-kwadru kien fir-refittorju tal-kunvent. Mill-1989 'l hawn dan jinsab fuq l-artal ewlieni li hemm fil-kappella ċkejkna tal-kunvent fejn il-patrijiet jiltaqgħu biex jitolbu flimkien.


3


4

Nafu b'erba' kwadri oħra li servew bħala titular għal din il-knisja. Dawn dejjem kienu juru lil San Franġisk qed jirċievi l-pjagi fuq l-Għolja La Verna. Wieħed minnhom hu ta' daqs ċkejken (ritratt 2). L-antikità tal-pittura tidher sew f'din il-biċċa arti għaliex anki l-kuluri m'għadhomx daqshekk ċari bħalma żgur li kienu qabel. Probabilment li dan kien jinsab fil-knisja l-qadima. Wara dan jiġi kwadru ieħor (ritratt 3) li hu ferm ikbar u iżjed elaborat fl-istil artistiku tiegħu mill-ieħor. Illum dawn iż-żewġ bċejjeċ artistiċi jinsabu fil-mużew tal-kunvent.

Qabel dak li naraw illum (ritratt 4) fl-imsemmija knisja kien hemm kwadru ieħor li llum qiegħed fil-kunvent ta' l-istess patrijiet fil-Belt Valletta. Fil-fatt dan kien ingħata minn din il-komunità lil dik tar-Rabat Malta iżda xi snin ilu dan reġa' ngħata lura. L-artist warajh hu t-Taljan Pietro Rossellini u jixbah ħafna lill-kwadru l-kbir li hemm fil-mużew tal-kunvent tar-Rabat Malta.

Il-kwadru titulari li hemm illum f'din il-knisja tpitter fl-1904 mill-pittur Ruman Tito Troia. Il-benefattur ta' dan il-kwadru kien il-Kanonku Vinċenz Vella. Għalkemm m'għandux xi valur artistiku kbir iżda mill-ewwel jiġbed l-għajn ta' dak li jkun. Il-kwadru juri lil San Franġisk t'Assisi mixħut għarkubbtejh, megħjun minn żewġ anġli, qiegħed jirċievi l-pjagi. Is-serafin li tant hu marbut ma' din il-ġrajja ma jidhirx f'dan il-kwadru iżda fis-sħab jidhru xi puttini jew uċuħ ta' anġli żgħar.

Kwadru laterali li juri lil San Franġisk t'Assisi hu dak tal-Madonna tal-Porzjunkola (ritratt 5). Hawnhekk il-qaddis, imdawwar minn għadd ta' anġli, jinsab għarkubbtejh quddiem Ommna Marija li qed tippreżentalu lil binha Ġesù. Dan min-naħa tiegħu qiegħed jgħaddi l-kurdun lill-qaddis. Il-kuluri li juża Henri Ernaud, l-awtur tal-kwadru, huma vivaċi ferm. Il-kwadru jġib id-data ta' l-1740. ❑


5

P. William Axiaq OFMCap

# Semmejt isem raġel ieħor taħt l-effett tal-loppju

*Father*, ninsab f'sitwazzjoni ta' biki u għandi bżonn l-għajnuna għax inħossni se niġġennen. Dan l-aħħar kelli bżonn nagħmel operazzjoni kbira u xtaqt li r-raġel jidħol miegħi fis-sala ta' l-operazzjonijiet ħalli nagħmel iżjed kuraġġ. Waqt l-operazzjoni lissint għal diversi drabi isem ta' raġel, li naħliflek li ma nafx min hu. Naturalment semagħni r-raġel insemmi dan l-isem u daħħal f'rasu, dak il-ħin stess, li jiena ma nħobbx lilu biss għax fin-nofs hemm persuna oħra li qiegħda żgur f'qalbi għax qed noħroġ magħha. Skond l-opinjoni tiegħu, li ma kienx hekk, ma kontx nippronunzja isem raġel ieħor meta kont taħt il-qawwa tal-loppju. Dan il-kliem qalhuli wara li bdejt nistejqer sew mill-kedda ta' l-operazzjoni. Għamilt minn kollox biex nikkonvinċih li milli qed jaħseb ma hemm proprju xejn, imma ma jridx jaf. Ma nafx x'se naqbad nagħmel f'dan is-saram li ġie fuqi bla ħsieb ta' xejn wara li serraħt rasi mill-operazzjoni li rnexxiet mija fil-mija. Ma kienx mument li għedtlu biex jidħol miegħi fl-*operation theatre*! X'għandi ngħidlu forsi nikkonvinċih li mhux kif qed jaħseb hu?



Tiskanta u tinxef kif jaħbtu l-affarijiet! Mur għidlek x'se jinqala' bil-preżenza ta' żewġek waqt l-operazzjoni, li tlabtha inti stess! Imma issa hekk ġara u rridu naraw x'se nagħmlu biex nippruvaw insolvu l-għawġ li ġie fuqek ħabta u sabta.

Ir-raġel tiegħek irid jifhem li taħt il-qilla tal-loppju, il-pazjent jista' jgħid ħafna affarijiet għax mhux hu jkun qed jitkellem imma s-subkonxju tiegħu, bħalma jista' jiġri waqt irqad jew sakra. Minħabba din ir-raġuni ma nistgħux nieħdu għal persuna, tgħid xi tgħid, waqt operazzjoni, għax mhux hi tkun qed titkellem imma l-impressjonijiet ta' ġewwa fiha, li jmorru lil hinn mir-rieda ħielsa tagħha u l-Bambin waħdu biss ikun jaf mnejn ikunu nqalgħu. Dan ifisser li mhux bilfors dak li jingħad waqt operazzjoni jkun realtà, ikun ġara jew jiġri tassew. Kieku kellna nistaqsu lill-kirurġi x'jisimgħu waqt l-operazzjonijiet, kieku nibqgħu mbellħin, inġibu għajnejna wara widnejna daqskemm jisimgħu affarijiet, imma dawn għandhom it-tagħlim u mhux se joqogħdu jagħtu kas ta' dak li jgedwed il-pazjent.

Imbagħad jekk niġu f'dan, kieku inti kellek relazzjoni ma' ragel ieħor, waqt l-operazzjoni, ma kontx se toqgħod issemmi ismu biss għax ma' ismu kont tgħid ukoll espressjonijiet ta' mħabba, skond l-intensità ta' l-esperjenza li tkun għaddejt minnha fir-relazzjonijiet tiegħek miegħu.

Jekk inti ma għandekx faħam miblul serraħ rasek u oqgħod kwieta. Ma għandekx għaliex toqgħod tinkwieta u tħaqqaqha ma' żewġek. Maż-żmien, waħdu jibda jirrealizza li għamel qorti fuq xejn. ❑

**Tista' tgħin lill-missjoni billi tiġbor u tibagħtilna:**



- Bolol u Telecards użati
- Muniti qodma ta' Malta u Barra
- L-irċevuti fiskali tal-VAT
- Kotba bi stejjer fittizji
- Postcards

*Ibagħtuhom lil:*
*Uffiċċju Missjoni Kapuċċini,*
*Kunvent tal-Kapuċċini*
*Floriana VLT 14*

**Nirringrazzjawkom għal kull għajnuna li tagħtuna.**

P. Philip Cutajar OFMCap



# "Il-Preżenza Soċjali tal-Knisja"

## Istruzzjoni teoloġika-pastorali maħruġa mill-Konferenza ta' l-Isqfijiet ta' Kuba – 8 ta' Settembru 2003

IT-TIENI PARTI

### In-natura u l-missjoni tal-Knisja

L-isqfijiet Kubani, fid-dokument pastorali li ppubblikaw nhar it-8 ta' Settembru 2003, fit-tielet taqsima tiegħu jgħidu li, fil-kuntest tat-tibdil soċjali li għexet Kuba tul dawn l-aħħar erbgħa u erbgħin sena ta' ħakma ispirata minn ideoloġija marxista-leninista, iħossuhom fid-dmir li mill-ġdid jitkellmu fuq is-sejħa tal-Knisja f'relazzjoni man-natura u l-missjoni tagħha fis-soċjetà.

Fil-bidu ta' din it-taqsima l-isqfijiet jippreżentaw lill-Knisja bħala sinjal ta' grazzja. Hawnhekk l-isqfijiet jitkellmu mill-passi pożittivi li l-Knisja wettqet tul dawn l-aħħar snin bil-għan li tkompli tkun sagrament ta' salvazzjoni għan-nies ta' rieda tajba.

Fost dawn jissemmew:

- iż-żieda ta' missjunarji ġodda;
- iż-żieda tan-nies li qed jersqu u jidħlu fil-Knisja Kattolika wara nuqqas twil;
- il-ħolqien ta' pjanijiet pastorali kemm fuq livell ta' Knisja mifruxa fil-pajjiż kollu kemm ukoll fuq livell ta' djoċesi;
- it-twaqqif ta' djoċesijiet ġodda;
- il-ħolqien ta' diversi djar/ċentri li jservu għaċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti u ħidmiet pastorali oħra f'diversi żoni mifruxa mal-pajjiż kollu fejn m'hemmx knejjes mibnija;
- iż-żieda ta' lajċi impenjati fil-ħajja u l-ħidma tal-Knisja; u oħrajn.

Però, ikomplu jgħidu l-isqfijiet, il-Knisja mhijiex biss realtà soċjali imma wkoll realtà ta' grazzja bħala don mogħti minn Alla lill-poplu tiegħu. Il-qawmien ta' Kristu mill-imwiet u l-għotja ta' l-Ispirtu s-Santu nhar Pentekoste jpoġġu lill-Knisja bħala preżenza li tqaddes u li tagħti l-ħajja. F'dan is-sens Ġesù mhuwiex biss il-fundatur tal-Knisja imma l-istess fundament tagħha. Il-Knisja sa mill-bidu tagħha, fil-għanijiet tagħha u mhux inqas fil-metodi li hija tuża għall-ħidma pastorali li twettaq hija differenti mill-Istat, diversa mis-soċjetà ċivili u mill-assoċjazzjonijiet u gruppi li jiffurmaw l-istess soċjetà.

Il-Knisja hija ta' oriġni divina u għalhekk ħadd ma jista' jqabbilha ma' entitajiet oħra li jeżistu fis-soċjetà ċivili. Il-Knisja mhijiex soċjetà alternattiva għall-komunità tal-bnedmin. Il-Knisja tikkomunika l-Kelma u tiċċelebra s-Sagramenti li rċiviet b'xejn minn Ġesù Kristu u b'hekk hija twettaq is-sejħa tagħha li tgħin fit-titjib tas-soċjetà ċivili fil-qies li l-istess Knisja tkun tassew komunità ta' fidi, tassew reliġjuża, tifkira ħajja u sinifikattiva ta' Ġesù Kristu. F'din il-perspettiva ħadd, la l-membri ta' l-istess Knisja u lanqas l-għedewwa tagħha, m'għandu jħares lejha u jippretendi li hija taqdi b'xi mod pożizzjoni ta' ħakma jew poter. Viżjoni bħal din iċċajpar l-identità vera tal-Knisja bil-konsegwenza li ttellifha milli tkun effettiva fil-kredibilità u fil-ħidma vera tagħha ta' evanġelizzazzjoni bħala preżenza ħajja ta' Ġesù Kristu.



*Il-Papa isellem lit-tfal fiż-żjara tiegħu f'Kuba.*

Meta l-isqfijiet jgħaddu biex jitkellmu dwar il-missjoni tal-Knisja jgħidulna li Ġesù afdalha l-mandat li tħabbar l-Evanġelju. Dan ma jitlobx unikament li tħabbar l-Evanġelju bil-kelma ppriedkata imma wkoll bil-Kelma mgħixa fil-prattika bħala xiehda. Dan jitlob impenn li tixxandar il-Kelma u li wieħed jagħti xiehda tagħha b'ħajtu u b'għemilu. Dan jitlob ukoll li l-Kelma li jxandar u x-xiehda li jagħti n-nisrani tkun profetika. Li tkun profeta ma jfissirx unikament li tħabbar dak li huwa tajjeb u tixli dak li huwa ħażin, jew li b'mod esklussiv tenfasizza fuq waħda u tħalli barra l-oħra, imma li tevalwa r-realtà preżenti fid-dawl u fi qbil maċ-ċirkustanzi konkreti skond l-intenzjonijiet u l-istil

proprju ta' Ġesù Kristu, b'tali mod li, "inħabbru t-tajjeb bl-imħabba" u, meta jkun il-każ, "nixlu l-ħażen bl-imħabba".

F'dan is-sens nistgħu nitkellmu minn "karità politika" meta l-insara, bl-impenn tagħhom mimli mħabba, jidħlu bħal ħmira fl-istituzzjonijiet kollha tal-pajjiż u jittrasfurmaw minn ġewwa s-soċjetà ċivili.

Fi qbil mat-tagħlim tal-Konċilju Vatikan II, il-lajċi jenħtieġ li jiżvolġu d-dmir tagħhom fis-soċjetà ċivili u politika billi "il-kattoliċi, fl-imħabba tagħhom lejn art twelidhom u bil-għan li jwettqu b'fedeltà d-dmirijiet ċivili tagħhom, għandhom iħossuhom obbligati sabiex iġibu 'l quddiem il-veru ġid komuni, li jesprimu l-opinjoni tagħhom bil-għan li l-ħakma politika tiġi mħaddma b'ġustizzja u l-liġijiet li jsiru jkunu jaqblu mal-liġijiet morali u jilħqu l-ġid komuni tas-soċjetà" (ara *Apostolicam Actuostitatem* n.14).

Fl-aħħar parti ta' din it-taqsima l-Isqfijiet Kubani jitkellmu mill-Knisja bħala sinjal ta' għaqda. Il-missjoni tal-Knisja, b'mod partikulari ġewwa Kuba, huwa li taħdem favur il-għaqda tal-poplu, għaqda li trid tkun mibnija fuq l-imħabba u r-rikonċiljazzjoni. Bil-għan li naslu għal dan, ikomplu jgħidu l-Isqfijiet Kubani fl-Ittra Pastorali tagħhom, hemm bżonn li l-istess Knisja tippreżenta lilha nfisha maqgħuda, mingħajr ma tħalli lil ħadd jifridha fiha nfisha billi jimmanipula xi sezzjoni partikulari mill-Knisja. Din l-għaqda fost il-poplu Kuban li l-Knisja hija msejħa li tippromwovi jenħtieġ li twettaqha 'l bogħod minn kull konfrontazzjoni li ħafna drabi t-Teoloġija tal-Liberazzjoni tipprova tagħmel. ❑





*Fuq: Il-lajċi huma parti importanti u ħajja fil-Knisja ta' Kuba.*
*Isfel: Waħda mil-laqgħat ta' formazzjoni għall-Kleru u għar-reliġjużi fid-djoċesi ta' Santa Klara. (Fr. Philip Cutajar jidher wieqaf fuq il-lemin).*


**Ġeddidtu l-abbonament tiegħek?**

**Jekk le ibgħat Lm4 flimkien ma' l-isem u l-indirizz lil:**
**Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana VLT 14**

**DAWL FRANĠISKAN**

**B'hekk tkun qed tgħin lill-Missjoni tal-Kapuċċini Maltin.**

Ċekkijiet / Money Orders għandhom ikunu pagabbli lil: Fr. Joe Alessandro

P. Frans Abela OFMCap

# Kopja fidila u oriġinali

## L-EWWEL PARTI

Meta tarbija tkun għadha ta' ftit xhur arana nibdew inxebbhuha f'dawk li huma fattizzi ma' ommha jew ma' missierha. Meta tikber sew u tibda turi ċerti tendenzi u kapaċitajiet, arana nixtiquha toħroġ tixbah lit-tali jew lit-talija li fl-ħajja għamlu isem, akkwistaw fama u sfaw ta' ġieħ għal nieshom u għal art twelidhom. Il-ġenituri ta' dari, mal-ħerqa li wrew biex jagħtu edukazzjoni ċivili u nisranija lil uliedhom, ma kinux jitmeżmżu jinbxuhom biex joħorġu jixbhu lil xi qaddis, bl-awgurju: "Nirrak issir qaddis!" San Franġisk, għax verament xtaq li jsir hekk u mhux superfiċjalment, bħall-atturi huma u jinterpretaw fuq il-palk jew fuq l-*iscreen* il-ħajja ta' xi qaddis partikulari, sar realment qaddis għax daħal b'ruħu u b'ġismu fl-ispirtu ta' Kristu aktar milli imita l-manjieri u l-qoxra ta' barra tiegħu.



*Vetrata li turi lil San Franġisk mal-ħolqien.*

### Xebh ta' Ġesù

Wisq tajjeb Franġisku jissejjaħ xebh ta' Ġesù. Qatagħha li jħares l-Evanġelju kelma b'kelma iżda mingħajr fittaġni, u fl-imitazzjoni ta' Kristu kien fidil għall-aħħar u b'ċerta oriġinalità. Oriġinali fis-sens li joħroġ jixbhu mhux fil-preferenza li Ġesù ta lin-nisa tat-triq jew f'li jippreferi mal-ġabbara tat-taxxi, iżda fil-kilba għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ midinbin kollha. Kien jgħid: "li Dan issallab għalihom". U allura "kien jitlob għall-konverżjoni tagħhom, jiġri minn post għal ieħor biex jippriedka, preokkupat immens biex ikun ta' eżempju għalihom. Ma tkunx ħabib veru ta' Kristu jekk ma tħobbx l-erwieħ li ħabb hu" (2 Cel 172). Il-fatt li Ġesù "b'ħafna parabboli kien ixandrilhom il-kelma, u mingħajr xi parabbola ma kienx ikellimhom" (Mk 4, 33-34), normalment fis-segwaċi ftit imdawla tiegħu, issibhom imbuttati biex jippridkaw biss bl-għajnuna ta' tixbihat. Franġisku, mhux għaref iżjed mill-Għerf Inkarnat, bla ma warrab għal kollox fil-priedki tiegħu l-użu tagħhom, wassal il-messaġġ tas-saltna ta' Alla lill-udjenza tiegħu b'miti soċjali ta' żmienu (prinċpijiet, kavallieri, araldi, truvaturi u għannejja tipiċi taż-Żminijiet tan-Nofs) biex bihom ifiehem id-diversità ta' mġiba meħtieġa fil-qadi lil Alla.

U hawn tinsab l-oriġinalità ta' Franġisku bħalma tinsab ukoll fil-fatt li hu ma ħaddanx miegħu t-tfal għax iġiegħlu lil min iħobbhom daqskemm għax huma disponibbli li jitgħallmu aktar mill-adulti b'ċans li dawn jiddakkru minnhom f'dak li hu għatx għat-tagħlim. "Min ma jilqax is-saltna ta' Alla b'qalb ta' tifel ċkejken ma jidħolx fiha" (Lq 18, 17). Ħaġa li Franġisku tant fehemha u tant għamilha tiegħu b'perfezzjoni kienet ir-rieda li jiġi meqjus bħala 'l-aħħar wieħed' u 'l-iżgħar fost kulħadd'. ❑

P. Joe Calleja OFMCap



## Kif nistgħu nitkellmu ma' persuni morda (1)

# Ma' l-innoċenti li jsofri

*F'dawn is-sensiela ta' artikli, se naghtu ħarsa lejn modi differenti kif nistgħu nitkellmu ma' persuni li jkunu qegħdin iduqu l-esperjenza tal-mard fil-ħajja tagħhom. Hemm stili differenti, għax kull persuna hi unika fil-mod ta' kif tifhem u tgħaddi mill-esperjenzi tagħha. Sejrin nieħdu case studies ta' reazzjonijiet li tipi diversi ta' nies jistgħu jagħmlu u ninsġuhom ma' għajnuniet prattiċi li nistgħu nieħdu mill-Ktieb ta' Ġob. Dan huwa ktieb fil-Bibbja li jindirizza ħafna l-problemi tat-tbatija u anki x'reazzjonijiet ikollna meta nkunu għaddejjin minn dawn l-esperjenzi. Allura se ninsġu ma' l-artiklu kemm ħjiel dirett ta' kif indaħħlu l-element bibliku ta' għajnuna, speċjalment ma' karattri li jkunu spiritwalment maturi u anki ħjiel ta' għajnuna indiretta, l-aktar ma' karattri li jħaddnu spiritwalità aktar sekulari.*

Marie hi mara riflessiva, fl-erbgħinijiet, għaddejja minn separazzjoni diffiċli minn mar-raġel, li hu *business man* li, biex jibni l-karriera, kellu jittraskura lil martu. Marie u r-raġel ma kellhomx tfal, imma minħabba sensiela ta' *miscarriages*, il-*gynaecologist* daħħalha l-isptar għal ammont ta' testijiet li jistgħu jwasslu għal *hysterectomy*.

Marie tħobbu ħafna lir-raġel u ma tistax tifhem kif il-komunikazzjoni bejniethom tfixklet daqshekk. Tammetti li hi wkoll responsabbli għall-fatt li llum qegħdin fil-qorti għas-separazzjoni, imma qalbha muġugħa għax ir-raġel donnu ma tantx għamel ħiltu biex isewwi l-miksur. Il-ħajja tal-fidi għaliha hi importanti u hi tressaq dawn id-domandi lejn Alla, bla ma tirċievi risposti jew faraġ.

Fil-każ ta' Marie, fejn għandek persuna innoċenti li qiegħda tbati minħabba fatt jew persuna, li tipprova tfiehmu bil-moħħ x'inhu għaddej jew iġġiegħlu jitgħallem lezzjoni għall-ħajja, ma jgħinx. Ma' Marie li hemm bżonn hu ħafna żmien ta' smigħ u qsim tal-uġigħ. Li l-persuna tħossha li hemm tassew xi ħadd li jixtieq jaqsam magħha dan il-mument. Il-formazzjoni tal-fidi ta' Marie ddur madwar mistoqsija u tweġiba u allura li hemm xi tip ta' ordni fil-ħajja, speċjalment jekk tikkollabora ma' Alla. Jekk inti tobdi u tkun fidil lejH tkun ippremjat, jekk le stenna l-kastig. Għal Marie li tobdi jfisser fidi fil-providenza u fil-qawwa ta' Alla. Issa hi ssaqsi għaliex kellu jiġri hekk?

Ma' persuna bħal Marie, li għandha ċerta fidi matura

# M'hemmx imħabba aktar milli ... 2 give



L-abbatini tal-Kapuċċini tal-Floriana, flimkien mad-direttur tagħhom Br Claudio Falzon organizzaw tlett ijiem attivitajiet fil-*ground* tal-kunvent tal-Kapuċċini biex jinġabru flus ħalli lill-abbatini ta' Hola jkunu jistgħu jsirulhom ħwejjeġ ġodda kif ukoll għal xi ħtiġiet oħra li jista' jkollhom.

L-attivitajiet, bejn id-19 u l-21 ta' Marzu, kienu jikkonsistu f'*carwash* u *league* tal-*football* bejn diversi *teams* ta' l-abbatini, kif ukoll varjetà ta' ikel u xorb.

Br Claudio qal: "Din kienet esperjenza tal-ġenn, fejn stajna ngħaqqdu flimkien il-forzi tagħna biex nagħmlu lil ħaddieħor kuntent u ferħan.

Grazzi kbira tmur lill-Mulej li għenna ħafna f'din l-attività. Nirringrazzja lil kull min ta l-għajnuna tiegħu biex din l-attività setgħet tirnexxi. Ringrazzjamenti speċjali jmorru lil Br Mario Vassallo li flimkien ħdimna biex norganizzaw dawn it-tlett ijiem.



Nirringrazzja lill-abbatini tagħna tad-disponibbilità li wrew u lill-ġenituri tagħhom, lill-voluntiera li għenu sabiex is-servizz ikun tajjeb u effiċjenti. Grazzi lill-*isponsors*, li permezz tagħhom stajna norganizzaw aħjar.

Grazzi lilkom li tlabtu għalina matul dawn il-granet u intom li ġejtu tingħaqdu magħna biex din l-attività setgħet tħalli l-frott."

Dan kien ġest ta' ġenerożità mit-tfal lejn tfal bħalhom iżda b'inqas opportunitajiet.

***"Kull ma għamiltu ma' l-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi"***

u li hi emozzjonalment stabbli, wieħed jista' jiftaħ diskors dwar t-tbatija li ssalva. F'każ fejn għandna persuna li hi tħossha mgħaffġa bin-niket jew instabbli fil-burdata dan hu diskors imprudenti li jista' jqanqal aktar rabja. Allura aħjar ma jsirx. Id-domanda qawwija li jagħmel Ġob f'2:40, ("nilqgħu t-tajjeb mingħand Alla u l-ħażin ma nilqgħuhx?") tista' tkun il-bidu ta' diskors li jwassal biex jafferma li wieħed mill-provi l-aktar qawwija li tista' tgħaddi minnha persuna matura u integra hija li tbati b'mod innoċenti. Id-diskors kollu hawn irid idur fuq kemm il-persuna se tilqa' l-isfida li tibqa' tħobb minkejja li ma tirċievi xejn lura (*unconditional love*). Marie se tkompli tħobb lil Alla minkejja li bħalissa l-ebda faraġ mhu ġej? Se jirnexxilha taħfer lir-raġel?

Ikunu wkoll linji tajbin jekk, il-*caregiver* tfakkar lil Marie f'kemm is-servizz ta' Ġob kien tassew bla interessi, però xorta waħda kellu jgħaddi minn mument iebes li żarmah f'kollox, mis-saħħa sal-ġid. Meta Marie tkun irrabjata u tixtieq tilmenta ma' Alla, il-krib ta' Ġob jista' jservi ta' mudell u ispirazzjoni (Ġob 6: 1ff). Marie tista' tkun mgħejjuna tifhem u tħoss li m'hemm xejn li jmur kontra l-Bibbja filli tara lilha nnifsa bħala persuna għaddejja minn żmien ta' prova mingħajr ebda raġuni loġika (Ġob 2:3) u li quddiemha għandha opportunità li tagħmel l-esperjenza li tħobb lil Alla mingħajr ma takkwista xejn lura (Ġob 1:9).

Jekk dan id-diskors isir, irridu nfakkru wkoll lil Marie li din l-imħabba inkondizzjonata hi l-ideal li bħala persuni għandna nilħqu fil-ħajja u li se tibqa' taħdem għaliha ftit ftit tul il-bqija tas-snin. Hu aċċettabli ħafna li hi tieħu ż-żmien sakemm tgħaddi mill-mumenti ta' rabja u niket. Li rridu nfakkru lil Marie huwa li Alla, tul dan il-proċess, xorta waħda se jibqa' jħobbha u jibqa' jkollu stima għolja tagħha. Alla se jmexxiha u joħroġha minn dan kollu għax il-fidi tixhed li Alla joħroġ it-tajjeb anki minn mumenti ibsin (Rum 8:28). La Marie u lanqas l-ebda wieħed minna ma jista' jifhem għal kollox kif episodji ta' tbatija jidħlu fil-pjan ta' Alla. Li tista' tagħmel Marie huwa li tibqa' toffri l-imħabba tagħha lejn Alla u anki lejn il-proxxmu mingħajr ħafna tħassib żejjed. Li tibda taċċetta li fil-ħajja jeżistu mumenti bħal dawn, jitlob ħafna kuraġġ u qawwa fiżika, mentali u spiritwali. Marie, biex iżżomm f'dan l-*istress* jista' jkollha bżonn ukoll li żżomm kuntatti soċjali li huma pożittivi, kif ukoll ċerta sentenzi jew passi Bibliċi jew minn kitbiet oħra li lilha jqawwulha qalbha. Għandha bżonn issegwi l-eżempju ta' Ġob li, b'mod persistenti u konsistenti, qasam dak li kien qiegħed iħoss ma' Alla. Għandha bżonn li, aktar milli nfittxu risposti għal domandi, Marie tista' tgħix id-domandi ta' sfida li l-ħajja taf toffri, speċjalment is-sejħa li taċċetta b'fidi kemm is-sabiħ u l-inqas sabiħ fil-ħajja bħala għodda biex tersaq aktar lejn Alla b'mod personali. ❑

# Laqgħa ta' l-Ordni Franġiskan Kapuċċin fl-Etjopja



P. Joseph Calleja jidher fuq quddiem .





Mit-2 sas-6 ta' Frar 2004, l-Ordni Franġiskan Kapuċċin organizza Assemblea bit-tema *GOSPEL BROTHERHOOD IN A MULTI-ETHNIC WORLD* (Il-fraternità evanġelika f'dinja ta' ħafna kulturi) bi tħejjija għas-Seba' Kunsill Plenarju ta' l-Ordni li sar matul ix-xahar ta' Marzu ġewwa Frascati fl-Italja. Għal din il-laqgħa, li tmexxiet mill-Ministru Ġenerali ta' l-Ordni, Ħuna John Corriveau, u li saret ġewwa Addis Ababa fl-Etjopja, il-Provinċja Kapuċċina ta' Malta kienet irrappreżentata minn Ħuna P. Joseph Calleja OFMCap.

Il-jiem kienu mqassma f'bosta sessjonijiet fejn l-Aħwa li ħadu sehem ħejjew rapporti dwar fejn jinsabu u x'qegħdin jagħmlu quddiem is-sejħa għal dinja aktar tolleranti magħmula minn bosta gruppi etniċi.

Il-Ministru Ġenerali saħaq fuq kemm il-missjoni ta' l-Aħwa Franġiskani Kapuċċini hija waħda universali fejn kulħadd għandu l-post tiegħu għax, kif innota hu, l-Ordni Kapuċċin huwa "komunjoni ta' komunitajiet".

Grupp żgħir ta' Aħwa Kapuċċini kien responsabbli li jikteb ittra għall-Ordni Kapuċċin kollu skond il-punti li ġew diskussi matul dik il-laqgħa.

Ħuna P. Joseph qal li din il-laqgħa kienet tassew laqgħa pożittiva li laqqgħatu mar-realtà ta' tant kulturi differenti fl-Ordni Franġiskan Kapuċċin.

## Oħtna l-mewt iżżurna



Nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Frar, 2004 il-Mulej sejjaħ għal għandu lil Victoria Caruana, omm Fra Baskal OFMCap, fl-età ta' 90 sena. Il-funeral tagħha sar it-Tnejn, l-1 ta' Marzu, fil knisja parrokkjali ta' Marija Bambina fil-Mellieħa. Kienu ħafna l-Aħwa Kapuċċini li attendew għall-funeral. Wara l-quddiesa saret id-difna fiċ-ċimiterju ta' l-istess parroċċa.

Filwaqt li nitolbu għal din oħtna Victoria biex il-Mulej idaħħalha fil-mistrieħ ta' dejjem, nagħtu l-għomor lil Ħuna Fra Baskal u lil ħutu l-oħra John, Joe u Paul, lill-familji tagħhom u l-qraba l-oħra, u nwegħduhom it-talb tagħna. R.I.P.


# Oratorju Sagru




ORATORJU SAGRU huwa l-isem ta' CD u cassette ġodda li ħarġu fl-okkażjoni tal-ħamsin sena tal-preżenza u tal-ħidma tal-Patrijiet Franġiskani Kapuċċini f'Għajn Dwieli, ir-Raħal Ġdid. Dan l-Oratorju ttella' fil-knisja ta' Sant'Antnin nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Frar 2004. It-test huwa kitba ta' Dr. Kav. Carmel Bianchi filwaqt li l-orkestra u l-kor *Sine Macula* ta' Ħal Safi kienu taħt id-direzzjoni tas-Surmast Tony Pace B.A.Educ, L.Mus.

Nawguraw aktar ħidma tal-Franġiskani Kapuċċini f'din il-lokalità.



# Tifkira ta' Patri Anton Mompalao OFMCap 1946 - 2003



***Is-sena 2003 bdejnieha bit-telfa ta' tnejn mill-Aħwa tagħna (P. Taddew Schembri u P. Ġużepp Gauci) u temmejnieha bil-mewt għal għarrieda ta' Ħuna P. Anton Mompalao, sewwasew nhar it-tifkira tat-Twelid ta' Ġesù, l-Iben ta' Alla magħmul bniedem. Tabilħaqq kien ukoll nhar il-Milied ta' 33 sena qabel meta P. Anton għamel il-Wegħdiet Perpetwi tiegħu ta' reliġjuż fl-Ordni tagħna. F'taħdita li P. Anton kellu ma' infermier meta kien għall-kura fl-Isptar ta' Għawdex, huwa qallu: "Jien ma rridx immut hawn, anqas għand ommi, imma fil-kunvent". U hekk ġara tassew!***

## L-Ikla tal-Milied

Wara xi żmien fis *Central Homo*, il Mosta, P. Anton għadda l-aħħar tliet xhur tas-sena 2003 (flimkien ma' żewġ Kapuċċini oħra, P. Benvenut Vella u Fra Karm Caruana) fid-Dar tal-Kleru *Christus Sacerdos*, B'Kara, fejn sabu kull attenzjoni mis-Superjuri u dawk kollha responsabbli minn dik id-Dar. Minn hemm, it-tlieta li huma ġew fil-kunvent tal-Furjana ftit qabel nofs inhar biex jaqsmu l-ikla tal-Milied flimkien mal-Fraternità. Iżda bilkemm intemmet it-talba ta' qabel l-ikel li P. Anton ma reħiex ruħu f'idejn il-Ħallieq. Hekk, dan Ħuna miet kif xtaq: fil-kunvent imdawwar mill-Aħwa tal-Furjana fl-età ta' 57 sena.

P. Anton twieled fir-Rabat, Għawdex, minn Amleto Mompalao u Marija Antonia (imwielda Bonnici) fl-20 ta' Lulju 1946. Hu kien it-tieni wieħed fost sebat aħwa oħra. Meta daħal fin-Novizzjat ġie mogħti l-isem ta' Fra Amleto, għal missieru, iżda meta għamel il-Professjoni reġa' ħa l-isem tal-magħmudija: Anton.

"Il-ġurnata tidher minn filgħodu", hekk kiteb il-Kav. Joe M. Attard minn Għawdex, dwar P. Anton u jkompli "Konna studenti flimkien għal ħames snin fuq il-bankijiet tal-Liceo. Lil P.Anton niftakru student kwiet, umli u



*P. Anton f'jum l-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu.*

reliġjuż...Il-ħabib tiegħi Anton baqa' jistudja, daħal patri u kompla l-istudji tiegħu, u l-kelmiet tiegħu dejjem saħħruni u għallmuni".

## Qalbieni u ta' ħila

Għalkemm minn snin bikrija ta' ħajtu P. Anton kien jaf li saħħtu kienet dgħajfa, b'dankollu hu qatt ma qata' qalbu milli jwettaq b'suċċess dak kollu li kellu jidħol għalih; kemm fl-istudji kif ukoll responsabbiltajiet li ġew fdati f'idejh, bħal Mastru tal-Postulanti, Novizzi u Professi, Definitur, Vigarju Provinċjali u Segretarju Ġenerali f'Ruma għall-missjonijiet kollha ta' l-Ordni, u Lecturer tal-Missjoloġija fl-INSERM u fis-Seminarju ta' Għawdex.

Wara li temm l-ewwel sentejn tal-Kors tat-Teoloġija hawn Malta, huwa mar jissokta l-istudji fis-Seminarju ta' Trento. Wara sena ġie ordnat Djaknu mill-Arċisqof tal-post, l-E. T. Mons. Alessandro Maria Gottardi fis-27 ta' Ġunju 1973. Sena wara l-Arċisqof ta' Malta, Mons. Mikiel Gonzi ordnah Presbiteru nhar l-20 ta' Lulju 1974 f'San Ġwann, il-Belt Valletta.

## Midalja tad-deheb

F'qasir żmien wara l-Ordinazzjoni, P. Anton ġie mibgħut Ruma biex jistudja l-Missjoloġija fl-Università Gregorjana. Wara sentejn studju kiseb il-Liċenzjat b'eżami li minnu għadda bil-grad ta' *Summa Cum Laude.* Billi kien l-ewwel wieħed fost sħabu huwa ġie mogħti wkoll Midalja tad-Deheb mill-istess Università. Mill-ġdid f'Malta P. Anton wettaq bosta ħidmiet fil-qasam tal-Formazzjoni u tagħlim liż-żgħażagħ, sakemm fl-1986 sab ruħu mill-ġdid Ruma.

## Segretarju Ġenerali tal-Missjoni

F'Jannar tal-1986 il-Ministru Ġeneral ta' l-Ordni, P. Flavio Roberto Carraro, bi ftehim mal-Provinċjal P. Manwel Barbara, stieden lil P. Anton biex jaqdi lill-Ordni bħala Segretarju Ġenerali tal-Missjonijiet tagħna. Bil-ħidma tiegħu f'dan l-uffiċċju, P. Anton kellu jgħaqqad b'mod organiku l-ħidma missjunarja tal-Kapuċċini, iħejji korsijiet ta' tiġdid għal diversi għaqdiet lingwistiċi u jagħmel kuntatt magħhom bi żjajjar personali. Quddiem dik l-istedina, huwa sab ruħu bejn ħalltejn: minn naħa waħda kien jaf li saħħtu kienet dgħajfa, u mill-oħra kien jaf ukoll li kien ippreparat tassew għal dak ix-xogħol bl-istudji li kien għamel fuq il-missjonijiet. Imma bit-tama f'Alla u b'kuraġġ kbir aċċetta. Fil-25 ta' Jannar 1986, il-Ministru Ġeneral jiktiblu:

*"Thank you for your willingness to accept this call to serve the brothers in the International Order. I am confident that your ministry at our General Curia will help to facilitate the mission endeavour of our Order. I pray that you will find your new ministry to be both challenging and satisfying".*

F'Ottubru ta' l-istess sena P. Anton beda x-xogħol li għalih ġie msejjaħ. Għal sentejn sħaħ huwa ħadem kemm felaħ b'risq il-Missjonijiet ta' l-Ordni. Ħeġġeġ lill-missjunarji biż-żjajjar tiegħu speċjalment meta ssieħeb mal-Ġeneral fi żjajjar li għamel fl-Indja u fl-Indoneżja.

Imma saħħtu ma għenitux daqs ir-rieda u l-ħila. Wara sentejn kellu jerġa' lura Malta b'sogħba kbira għall-



*P. Anton fl-Ewwel Quddiesa Solenni li ċċelebra. Jidhru l-ġenituri tiegħu u oħtu għadha żgħira.*

membri kollha tal-Kurja Ġenerali li tant kienu kuntenti mhux biss bix-xogħol tiegħu imma wkoll bil-preżenza tiegħu fosthom. Ftit wara li ġie lura fostna, il-Ġeneral iroddlu ħajr u jgħidlu: *"Hai lavorato per oltre due anni nella Segreteria della Animazione Missionaria, hai donato ai fratelli la ricchezza del tuo carattere, della tua comprensione e bontà, hai contribuito alla vita fraterna con la disponibilità nei servizi e con la partecipazione alla ricreazione; ti sei donato sempre con grande amore e spesso con sacrificio, nascondendo serenamente la mancanza di salute. Nel tuo lavoro hai saputo con intelligenza riordinare il numeroso materiale della Segreteria, ravvivendo i missionari e i Segretariati Missionari delle fraternità provinciali con gli scritti e, nei limiti concessi della tua salute, hai offerto la tua presenza e la tua parola. Grazie, caro Antonio".*





***Fuq:** P. Anton flimkien mal-Ministru Ġenerali fi żmien li kien Segretarju Ġenerali tal-Missjoni waqt żjara fl-Indja.*

***Lemin:** Meta kien Direttur tal-postnovizzi fil-kunvent tal-Floriana, flimkien mal-Provinċjal P. Franġisku Azzopardi.*

F'dawn l-aħħar 15-il sena ta' ħajtu (1988-2003) Patri Anton, sakemm saħħtu għenitu, dejjem ta s-sehem tiegħu fil-ħajja tal-Fraternità, speċjalment bħala Mastru tan-Novizzi u Vigarju Provinċjali.

## Citizen Band User

F'dawn l-aħħar disa' snin, P. Anton kien magħruf ħafna bħala *Chaplain* fost is-*Citizen Band Users*, għaqda msejħa wkoll *Radio Amateurs*. Dwar is-sehem tiegħu f'din l-Għaqda, f'intervista li għamlulu fl-1996, huwa qal dan: "Jien bniedem li saħħti hija dgħajfa. Minħabba f'hekk, is-Superjuri tiegħi eżentawni mill-ħidma u l-uffiċċji li kont nokkupa sa ftit snin ilu fi ħdan l-Ordni Kapuċċin. Minħabba l-mard tiegħi kien u għadu jkolli ngħaddi sigħat twal fis-sodda waħdi, kemm fl-isptar kif ukoll fil-kunvent. Is-sena l-oħra, xi ħbieb tiegħi, biex jagħmluli kuraġġ tawni parir biex nixtri *transmitter* bħala *hobby* u b'hekk ikolli biex ngħaddi ż-żmien fis-sigħat twal li nsib ruħi waħdi. Fil-fatt hekk għamilt, u daħħalt *transmitter* li providenzjalment fetaħli tieqa ġdida f'ħajti li qatt ma bsart kellha tagħtini tant sodisfazzjon u tgħinni nagħmel tant ħbieb li sa ftit ilu qatt ma kont naf".

## Fr Rudi

"Kif jagħmlu *C.B. Users* kollha", ikompli jgħid P. Anton "jiena wkoll kelli nagħżel dak li aħna nsejħulu *Call Sign*, jiġifieri isem li bih ningħarfu bejnietna u li bih insejħu lil xulxin waqt li nkunu nitkellmu. L-isem li għażilt jien kien Rudi.



Żgur li dawk li raw il-famuż film *Holocaust* jiftakru lil dak iż-żagħżugħ Lhudi, Rudi Weiss, żagħżugħ kuraġġuż u qalbieni li kellu jgħaddi minn tant avventuri u sitwazzjonijiet diffiċli u ta' qtigħ il-qalb sakemm irnexxielu jaħrab minn taħt in-Nażi ta' Hitler. Għażilt l-isem ta' dan iż-żagħżugħ Lhudi minħabba fil-kuraġġ kbir tiegħu quddiem tant diffikultajiet li kellu jirbaħ".



*P. Anton qed imexxi seminar fuq il-Missjoni li sar fil-Provinċja. Ħdejh jidhru P. Philip Cutajar, Provinċjal, u P. Joe Gauci, missjunarju.*

## L-Eżerċizzi tar-Randan

P. Anton għaraf jinqeda bit-*transmitter* biex imqar minn fuq is-sodda jwassal il-messaġġ ta' ndiema u maħfra. Hu jissokta jgħid: "Kif diġa` għedt, minħabba raġunijiet ta' saħħa, kontra qalbi kelli nnaqqas u nwaqqaf ix-xogħol pastorali li kelli qabel. Iżda llum b'sodisfazzjon ngħid li bis-saħħa ta' din il-ħidma tiegħi xorta waħda qiegħed inkun mezz ta' ġid għal ħafna nies.



*P. Anton ma' komunità Neo-Katekumenali.*

Bi pjaċir ngħid li din il-ħidma tiegħi mhux talli mhijiex ta' tfixkil għalija bħala saċerdot Kapuċċin, talli qed timlieli ħajti u s-saċerdozju tiegħi. Kienet tassew idea ta' min ifaħħarha li matul ir-Randan li għadda ġejt mitlub biex nagħmel kors ta' eżerċizzi spiritwali tar-Randan lis-*C.B.Users* kollha, li ma kellhomx ċans imorru jisimgħuhom fil-knejjes. Jien ilqajt din it talba bil-pjaċir u għamilt kors ta' eżerċizzi li kont nittrasmetti fis-7 p.m., meta ħafna kienu jmorru lura d-dar wara l-ħin tax-xogħol. Wara li kont nispiċċa l-ħsieb tiegħi, kont ukoll nagħtihom ċans ikellmuni u jistaqsuni". P. Anton kien ukoll għal xi żmien jieħu ħsieb xi Gruppi Neo-Katekumenali.

## Il-Funeral

Nhar il-Ġimgħa 26 ta' Diċembru 2003, fis-2.30 p.m. saret quddiesa mmexxija mill-Provinċjal P. Crispin Tabone msieħeb minn 48 konċelebrant fil-knisja tas-Salib Imqaddes, il-Furjana. Mal-konċelebranti Kapuċċini ngħaqdu wkoll xi saċerdoti djoċesani, fosthom l-Arċipriet tal-Furjana, ir-Rev. Richard Borg, l-Arċipriet tal-Katidral ta' Għawdex, Rev. Mons. Joe Vella Gauci, u r-Rev. Raymond Vella minn Għawdex ukoll.

L-assemblea liturġika li mliet il-knisja kienet xiehda ħajja, kif qal il-Provinċjal fl-omelija, tar-rispett u l-imħabba li bihom kien miżmum P. Anton Mompalao għall-bosta ħidmiet tiegħu fil-Gżejjer Maltin u barra minn xtutna wkoll. Fit-30 ta' Diċembru 2003, P. Pawl Bugeja, Gwardjan tal-Fraternità Kapuċċina ta' Għawdex, mexxa quddiesa oħra għal ruħu fil-knisja tal-Madonna tal-Grazzja, Għawdex.

Illum il-fdalijiet tiegħu qegħdin jistrieħu fl-oqbra tal-Kapuċċini fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata, Raħal Ġdid. Mat-talb li soltu nagħmlu għal dan Ħuna fil-Fraternitajiet tagħna, irroddu ħajr lil kulmin tah l-għajnuna u wera interess fih, kemm fil-kunvent tal-Furjana u kemm fejn kien għall-kura, speċjalment fid-Dar tal-Kleru, fejn saritlu wkoll quddiesa mid-Direttur tad-Dar, Rev. Norrie Bonavia, mas-saċerdoti residenti hemm u Aħwa Kapuċċini li marru għaliha.

Waqt li nitfarrġu bit-tama ta' ħajja oħra bla tmiem fl-għamajjar tal-Ħallieq, insellmu u nagħtu l-għomor lil ħutu kollha u lil qrabatu, imma b'mod speċjali liz-zija tiegħu Miss Josephine Bonnici.

Mulej, agħtih il-mistrieħ ta' dejjem! ❑

*P. Anton flimkien maz-zija tiegħu Josephine.*



Profs. Oliver Friggieri

# Sebaħ Jum il-Fidwa

## *Introjtu ta' l-Għid*

Sebaħ jum il-fidwa tagħna
li stennejnieh maż-żmien bil-ħerqa,
illum l-Imgħallem tagħna qam.
Jimxi fostna ħaj bħal dejjem,
rebbieħ fuq mewt li qatt ma tmissu
u miegħu ngħixu aħna wkoll.
Bil-ħajr tas-sebħ il-ġdid
insellmu lill-Mulej.
Hallelujah!
Min qam rebbieħ mill-mewt illum
se jagħti l-ħajja lilna wkoll.

Tifraħ l-art bil-ħlejjaq kollha
għax qam mill-mewt is-sid ta' kollox
u kull maħluq iroddlu l-ħajr.
Titla' llum l-aħbar sal-kwiekeb
u tinżel sal-qigħan tal-baħar,
sat-truf u l-qċaċet kullimkien.
Bil-ħajr tas-sebħ il-ġdid
insellmu lill-Mulej.
Hallelujah!
Min qam rebbieħ mill-mewt illum
se jagħti l-ħajja lilna wkoll.

Qalbna llum tinfetaħ beraħ,
ilsienna llum ferħan ixandar
il-ferħ tar-rebħa tal-Mulej.
Jgħix illum u jgħix għal dejjem
is-sid taż-żmien, is-sid tal-ħajja,
u miegħu jibqa' jgħix kulħadd.
Bil-ħajr tas-sebħ il-ġdid
insellmu lill-Mulej.
Hallelujah!
Min qam rebbieħ mill-mewt illum
se jagħti l-ħajja lilna wkoll.



# TISLIBA 43

minn P. Wistin ATTARD ofm cap



1. u 19. ... u għażgħżu snienhom. (Lam 2, 16) (9)
2. Kienu ġew lura minn dan. (Esd 6, 16) (6)
3. X'tagħmel wara li radd ħajr. (1 Kor 11, 24) (5)
4. Kitibhom kbar. (Gal 6, 11) (5)
5. Dan u saħta. (Ġer 24, 9) (4)
6. It-triq ta' ħu Abel. (Ġuda 11) (5)
7. Hekk kienet dil-ftira. (Lev 8, 26) (5)
8. L-ewwel waħda ta' l-art. (Prov 8, 26) (5)
9. L-Ittra lill-Filippin. (3)
10. Kull xorta ta' dawn u sinjali (2 Tess 2, 9) (7)
11. u 12. Bħala wieħed tajjeb ta' Kristu. (2 Tim 2, 3) (6)
13. Agħtu dan lil Bet-awen. (Hos 5, 8) (6)
14. Kien jgħallem lil dan. (Apk 2, 14) (5)
15. Bnieh Ġożwe lill-Mulej. (Ġoż 8, 30) (5)
16. Tempju li *tellajt* jien. (2 Kron 6, 18) (5)
17. Qabbilha lilhom. (Mt 21, 33) (5)
18. Missierkom wild dawn. (Eżek 16, 45) (7)
19. Ara 1.
20. ... u Aram. (Ġen 10, 22) (3)
21. Mexxej tal-Għarab (2 Mak 5, 8) (5)
22. Hekk jagħmlu u jitħawdu. (Mik 7, 16) (5)

***RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' MARZU:***

*1. Tifel; 2. u 19. Xandru - Rufu; 3. Fidwa; 4. Tiddi; 5. Djun; 6. Antik; 7. Ibati; 8. Iljun; 9. Esd; 10. Widinti; 11. u 12. Sultan; 13. Artemi; 14. Sħiħa; 15. Tamar; 16. Ftira; 17. Ħbula; 18. Ħarbatt; 19. Ara 2.; 20. Tub; 21. Ħeffa; 22. Romol.*

**Ir-Rebbieħ ta' dan ix-xahar huwa: Marlon Tonna, Msida.**

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz: Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - VLT 14*

# Rokna għat-Tfal

Tfal, din hi rokna għalikom. Hawn għandkom lista ta' ismijiet li kollha jinsabu mferrxin fil-kaxxa li hija magħmula minn ħafna ittri. Kulma tridu tagħmlu huwa li ssibu l-ittri li jiffurmaw dawn l-ismijiet u tagħmlu sinjal fuqhom. Il-kliem jista' jkun f'kull direzzjoni, imma dejjem f'linja dritta. Mit-tweġibiet tajba li jaslulna mingħandkom, intellgħu waħda u r-rebbieħ jingħata rigal sabiħ mil-**Librerija Preca** (Tal-Museum) tal-Blata l-Bajda.

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| S | A | J | I | B | A | Ż | S | A | L | R | Ġ |
| A | R | Q | D | I | V | A | D | N | A | O | A |
| L | P | N | A | V | L | N | O | Ħ | S | A | K |
| M | M | U | T | A | R | R | A | A | F | D | O |
| O | K | A | M | A | S | B | F | T | T | U | B |
| N | Ġ | U | T | E | J | A | K | M | E | Ġ | B |
| N | N | O | Ħ | O | T | I | Ż | A | K | K | E |
| M | O | S | R | B | Ġ | S | K | P | U | S | N |
| A | F | S | R | A | K | E | Q | E | S | A | M |
| T | A | U | Ħ | U | M | R | Ħ | E | Ż | A | R |
| O | T | I | F | A | V | A | Ġ | O | R | E | Ż |
| Ġ | A | Ħ | A | Ż | N | F | Ċ | A | S | E | Ħ |

**ANTENATI TA' ĠESÙ**

ABIJA
AĦAŻ
ARAM
ASA
DAVID
FARES
ĠAKOBB
ĠESSE
ĠORAM
ĠOSAFAT
ĠOTAM
ĠUDA
ĦESRON
ĦEŻEKIJA
IŻAKK
NAĦSON
RAĦAB
RUT
SALAMUN
SALMON

Indirizzaw it-tweġiba tagħkom hekk: *ROKNA GĦAT-TFAL, P. Joe Alessandro, Kunvent tal-Kapuċċini Floriana VLT 14* • ***Ir-Rebbieħa ta' Marzu: Graziella Busuttil, Ħaż-Żebbuġ.***

Br Dennis Calleja OFMCap

# Alla li ma jorqodx

Il-Mulej Ġesù fil-ħajja tiegħu fuq din l-art ħadem biex ikisser kull fruntiera minn mal-bniedem u jressqu lejh u jħaddnu miegħu. Ġesù kien ta' kulħadd u għal kulħadd bla distinzjoni ta' xejn. Għaraf dejjem iżomm id-distanza hekk qrib tal-bniedem li l-bniedem sab fih ħabib tassew li jifhmu, jagħdru u jħobbu. Anke dawk il-bnedmin, li f'għajnejn il-bnedmin kienu midinbin, sabu post fil-qalb ta' Ġesù u resqu lejh u sabuh bħala t-triq, il-verità u l-ħajja tagħhom.

Meta nħarsu lejn it-twaqqif tal-Knisja, Ġesù għażel persuni sempliċi iżda lesti li jkunu disposti li jaħdmu id f'id miegħu. Ġesù ma jħarisx lejn l-intelliġenza jew lejn is-sbuħija, iżda jħares lejn il-dispożizzjoni tal-qalb. Meta l-Mulej jagħżel persuna għalih biex taħdem fl-għalqa tiegħu jistenna minnha li tkun disposta b'qalb miftuħa u bla kundizzjonijiet ta' xejn biex twettaq ħidma għall-bini tal-Knisja u għall-ġid tal-bnedmin. Alla ma jorqodx, qatt ma jieqaf isejjaħ ħaddiema għall-ħsad tiegħu. Dak li huwa beda bit-twaqqif tal-Knisja issa qiegħed iħalli f'idejn il-magħżulin tiegħu biex ikomplu jaħdmu ħalli l-kelma tiegħu tinxtered mad-dinja kollha. Iżda Ġesù huwa dejjem preżenti biex ikompli jmexxi u jiggwida l-Knisja. Hu stess tana garanzija li jibqa' magħna sa l-aħħar taż-żminijiet. Dan il-kliem ifisser garanzija li hu qiegħed hemm u qatt mhu ser iħalli l-Knisja tiegħu nieqsa minn rgħajja biex imexxu l-merħla tiegħu. Fuq kollox wieħed irid jiftakar li mingħajru ma nistgħu nagħmlu xejn. Hu l-bidu u t-tmiem, u dak li nagħmlu biex iħalli l-frott irid jibda u jintemm fiH.

Li taħdem mal-Mulej u għall-Mulej hija xi ħaġa sabiħa u tagħtik ħafna ferħ li d-dinja qatt ma tista' tagħtih. M'intix ser tirċievi l-paga fl-aħħar tax-xahar u l-anqas *bonus* iżda ser tirċievi aktar minn hekk. Ser tirċievi ħwejjeg li ma jispiċċaw qatt u li jibqgħu miegħek tul ħajtek kollha. Il-Mulej jieħu ħsieb Hu u jagħtik dak li jkollok bżonn għall-ħajja ta' kuljum, għax il-providenza tiegħu ma tonqos qatt. Hija sfida sabiħa għal dak li jkun imsejjaħ biex jitlaq kollox u jimxi warajh fil-ħajja reliġjuża jew saċerdotali.

F'deċiżjoni bħal din jgħaddu minn moħħna ħafna dubji, mistoqsijiet u beżgħat. Għaliex hemm ħafna xi jtellef li jżommok 'il bogħod milli taċċetta bil-ferħ is-sejħa ta' Ġesù. F'moħħna nibdew naraw li se nitilfu karriera, flus u ġid ieħor. U ninsew dak li Ġesù ser jagħtina għal mitt darba aktar meta aħna nimxu warajh. Ma ninsewx kliem Ġesù stess li min jaqbad il-moħriet u jħares lura mhux tajjeb għas-Saltna tas-Smewwiet.

Għalhekk, f'mument delikat ta' għażla bħal dan dwar il-vokazzjoni, hu meħtieġ it-talb li jgħinek tisma' l-leħen ta' Alla li hemm fik u tħallih ikellmek u jurik x'jixtieq minnek. Id-direzzjoni spiritwali li twasslek biex b'dixxernimet tasal għad-deċiżjoni. U fl-aħħar tasal tilqa' l-isfida ta' Ġesù li tefa' ħarsa ta' mħabba fuqek u għażlek biex tkun għalih biss. Għax Alla ma jorqodx, għadu jaħdem bla waqfien u jixtieq li int ukoll tkun miegħu taħdem bla waqfien għas-saltna tiegħu. X'qed tistenna biex tgħidlu iva! ❑



# Għin lill-Knisja u lill-Ordni Franġiskan Kapuċċini fil-Kenja billi tagħmel BOROŻ TA' STUDJU



BORŻA TA' STUDJU hija offerta ġeneruża ta' Lm250 li tmur għall-ispejjeż tas-seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin iħejju lilhom infushom biex isiru reliġjużi u saċerdoti Kapuċċini. Din tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata anki ftit ftit. Min jagħmel din l-offerta jkollu sehem kbir fil-ħajja reliġjuża u saċerdotali tal-Kapuċċini Kenjani.

Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil
Fr. Joe Alessandro, Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana
Tel: 2123 3874, 21 23 4949, 2122 5525

